Kummissjoni Ewropea

Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni

**Vademecum**

# Liġi Komunitarja dwar l-għajnuna Statali

30 ta' Settembru 2008

Dan il-manwal hu disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea:

***http://ec.europa.eu/competition/state_aid/studies_reports/studies_reports.cfm***

*Attenzjoni:*

**Dawn l-iskedi mehmuża jagħtu sommarju konċiż, u kultant simplifikat, ta' leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna Statali. Ovvjament, mis-sommarji u t-tabelli li ġew ippreżentati f'dawn l-iskedi ma jista' jkun derivat l-ebda dritt. Għal verżjoni aktar awtorevoli tar-regoli li japplikaw f'kull qasam, il-qarrej huwa riferut għat-testi leġiżlattivi sħaħ rilevanti li r-riferenzi eżatti tagħhom huma speċifikati f'kull skeda.**

**Din il-verżjoni tal-*Vademecum* ġiet aġġornata fit-30 ta' Settembru 2008.**

© Komunitajiet Ewropej 2008

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, sakemm is-sors ikun dikjarat.

# Tabella tal-kontenut


**1. Introduzzjoni** ........ Error! Bookmark not defined.

**2. Miżuri koperti minn regoli dwar l-għajnuna Statali** ........ Error! Bookmark not defined.

**3. L-għajnuna Statali kompatibbli** ........ Error! Bookmark not defined.

**4. Il-metodoloġija bażika użata fl-istima tal-għajnuna Statali** ........ Error! Bookmark not defined.

**5. Il-proċeduri ta' notifika u ta' awtorizzazzjoni** ........ Error! Bookmark not defined.

**6. L-għajnuna Statali fil-programm ta' Fondi Strutturali** ........ Error! Bookmark not defined.

**Anness: Skedi ta' Għajnuna Statali** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 1 Ir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 2 L-għajnuna għat-tibdil fil-klima u ħarsien ambjentali ieħor** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 3 L-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 4 L-għajnuna reġjonali** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 5 L-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikultà** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 6 L-għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 7 L-għajnuna għall-impjiegi** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 8 L-għajnuna għat-taħriġ** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 9 Il-Miżuri tal-Kapital ta' Riskju** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 10 L-elementi ta' għajnuna fil-bejgħ ta' art u ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi** Error! Bookmark not defined.

**Skeda 11 Is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 12 L-avviż ta' Garanzija** ........ Error! Bookmark not defined.

**Skeda 13 Ir-regola "*de minimis*"** ........ Error! Bookmark not defined.

# 1. Introduzzjoni

***Il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar adottat ir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali (il- "GBER") li permezz tiegħu diversi miżuri dwar l-għajnuna Statali huma eżentati mill-obbligu li jkunu notifikati lill-Kummissjoni. L-introduzzjoni tal-GBER tirrappreżenta waħda mill-partijiet prinċipali tar-riforma tal-għajnuna Statali mwettqa mill-Kummissjoni f'dawn l-aħħar ftit snin. Ir-riforma hija pass importanti lejn it-tnaqqis ta' burokrazija żejda u tiegħu approċċ modern lejn il-kontroll tal-għajnuna Statali sabiex tikkontribwixxi għall-Istrateġija ta' Liżbona tal-iżvilupp sostenibbli, kompetittività tal-industrija tal-UE, aktar impjiegi kif ukoll koeżjoni soċjali u reġjonali.***

Il-kontroll tal-għajnuna Statali tal-UE huwa komponent essenzjali tal-politika tal-kompetizzjoni u hu protezzjoni neċessarja għall-kompetizzjoni effettiva u s-suq ħieles. ***Bil-ħolqien ta' qafas komuni, ir-regoli tal-għajnuna Statali, l-ewwel u qabel kollox, jassiguraw li l-kumpaniji Ewropej ikunu kollha fuq l-istess livell u jevitaw li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom fi tlielaq ta' sussidji ħaljin, li mhumiex sostenibbli għall-Istati Membri individwali u huma ta' detriment għall-UE bħala entità sħiħa. It-tieni, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u reġjuni sabiex jagħtu prijorità lil azzjoni li ssaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tagħhom kif ukoll iżidu koeżjoni soċjali u reġjonali***. Ir-riforma tal-għajnuna Statali timmira biex l-għajnuna tkun mill-ġdid direzzjonata lejn għanijiet relatati ma' Liżbona, bħal R&D&I, miżuri tar-riskju tal-kapital, taħriġ, enerġija li tiġġedded/tibdil fil-klima u miżuri oħra għall-ħarsien tal-ambjent. Fl-aħħarnett, ir-regoli tal-UE jeħtieġu li l-partijiet konċernati jivverifikaw jekk l-għajnuna Statali hix strument politiku xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess komuni. Il-kontroll tal-għajnuna Statali għalhekk jikkontribwixxi sabiex ikun evitat l-użu ħali tar-riżorsi pubbliċi, għal-liema, fl-aħħar mill-aħħar, dawk li jħallsu t-taxxa jkollhom iħallsu l-kont.

Id-dispożizzjonijiet tal-kontroll tal-għajnuna Statali huma varjati u joħorġu mit-Trattat, leġiżlazzjoni sekondarja kif ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti. Dan il-*Vademecum* huwa mmirat biex jagħti ħarsa ġenerali u konċiża tar-regoli tal-għajnuna Statali applikabbli. Huwa ma jipprovdix għal deskrizzjoni eżawrjenti ta' dawn ir-regoli, u lanqas għall-mod kif jiġu applikati. Il-*Vademecum* jikkonsisti minn żewġ partijiet: (i) parti ġenerali li tistabbilixxi il-kunċetti bażiċi tal-għajnuna Statali u (ii) skedi individwali dedikati għall-istrumenti jew is-suġġetti prinċipali tal-għajnuna individwali.

Skond il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna Statali tal-Kummissjoni, il-pjan direzzjonali għar-riforma tagħha tal-għajnuna Statali, numru ta' testi regolatorji dwar l-għajnuna Statali ġew riveduti u adottati f'dawn l-aħħar tliet snin, inklużi, il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali (inkluż it-Tibdil tal-Klima), il-Qafas R&D&I jew il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali. Il-GBER ġdid jippreżenta miżura speċjali f'dan ir-rigward, jgħaqqad u jissimplifika r-regoli eżistenti dwar l-eżenzjonijiet sħaħ u jkopri s-setturi u l-istrumenti kollha. Bħala riżultat, kienet neċessarja reviżjoni tal-*Vademecum* sabiex ikunu riflessi dawn it-tibdiliet.

Ir-riforma tal-għajnuna Statali li l-Kummissjoni bdiet fl-2005 issa qed tersaq lejn it-tkomplija tagħha. Bir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali u l-pakkett ta' simplifikazzjoni relatat mal-aspetti proċedurali tal-kontroll tal-għajnuna Statali (li jinkludi proposti għal proċedura simplifikata għal ċerti notifiki, il-Kodiċi dwar l-Aħjar Prattiċi u l-Avviż dwar l-infurzar privat fi proċeduri tal-għajnuna Statali fi qrati nazzjonali) bħala l-pass finali tar-riforma, il-

Kummissjoni tkompli tipproteġi l-kompetizzjoni filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jagħżlu l-istrumenti ta' appoġġ li jaqblu l-aktar mat-taħlita ġenerali tal-politika tagħhom.

## 2. Miżuri koperti minn regoli dwar l-għajnuna Statali

Il-punt ta' tluq tal-politika dwar l-għajnuna Statali tal-UE ġie stabbilit fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"Trattat"). Dan l-artikolu jipprovdi li l-għajnuna Statali, fil-prinċipju, mhix kompatibbli mas-suq komuni. Skond l-Artikolu 88 tat-Trattat, il-Kummissjoni tingħata l-kompitu li tikkontrolla l-għajnuna Statali. Dan l-artikolu jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni bil-quddiem bi kwalunkwe pjan ta' għotja ta' għajnuna Statali ("*rekwiżit ta' notifika*").

L-awturi tat-Tattat ma ssuġġerewx li l-Kummissjoni għandha timmonitorja u tikkontrolla t-tipi kollha ta' miżuri li jistgħu jaffetwaw lill-kumpaniji.

Ir-regoli dwar l-għajnuna Statali japplikaw biss għal miżuri li jissodisfaw il-kriterji kollha elenkati fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat, u b'mod partikolari:

### (a) It-trasferiment tar-riżorsi Statali

Ir-regoli dwar l-għajnuna Statali jkopru biss il-miżuri li jinvolvu trasferiment ta' riżorsi statali (inklużi awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, banek pubbliċi u fondazzjonijiet, eċċ).

Barra minn dan, l-għajnuna mhux neċessarjament trid tingħata mill-Istat innifsu. Din tista' tingħata wkoll minn entità intermedjarja privata jew pubblika maħtura mill-Istat. Din tal-aħħar tista' tapplika per eżempju f'każijiet fejn bank privat jingħata r-responsabbiltà li jiġġestixxi skema ta' għajnuna għall-SMEs iffinanzjata mill-istat.

It-trasferimenti finanzjarji li jikkostitwixxu għajnuna jistgħu jieħdu diversi forom: mhux biss għotjiet jew tnaqqis fir-rata tal-interessi, imma wkoll garanziji ta' self, konċessjonijiet ta' deprezzament aċċelerat, injezzjonijiet ta' kapital, eżenzjonijiet tat-taxxa eċċ.

### (b) Il-vantaġġ ekonomiku

L-għajnuna għandha tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku li l-impriża ma kinitx tirċievi fl-andament ordinarju tan-negozju. Eżempji inqas ovvji ta' tranżazzjonijiet li jissodisfaw din il-kundizzjoni jingħataw hawn taħt:

- Ditta tixtri/tikri art pubblika bi prezz orħos minn dak tas-suq;
- Kumpanija tbigħ art lill-istat bi prezz ogħla minn dak tas-suq;
- Kumpanija tgawdi aċċess privileġġjat għal infrastruttura mingħajr ma tħallas għal dan;
- Impriża tikseb kapital ta' riskju mill-Istat b'termini li huma aktar favorevoli minn dawk li kieku tikseb mingħand investitur privat.

### (c) Is-selettività

L-għajnuna Statali trid tkun selettiva u għalhekk taffetwa l-bilanċ bejn ċerti ditti u l-kompetituri tagħhom. Is-"selettività" hija dik li tiddistingwi għajnuna Statali minn dawk li jissejħu "miżuri ġenerali" (jiġifieri miżuri li japplikaw, mingħajr distinzjoni u fuq kull livell, għad-ditti kollha fis-setturi ekonomiċi kollha fi Stat Membru (eż., il-parti l-kbira tal-miżuri fiskali nazzjonali)).

Skema titqies bħala "selettiva", jekk l-awtoritajiet li qed jamministraw l-iskema għandhom ċertu poter diskrezzjonali. Il-kriterju tas-selettività jiġi sodisfatt ukoll jekk l-iskema tapplika għal parti biss mit-territorju ta' Stat Membru (dan huwa l-każ għall-iskemi ta' għajnuna reġjonali u settorjali kollha).

### (d) L-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

L-għajnuna jrid ikollha effett potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Huwa biżżejjed li jkun jista' jintwera li l-benefiċjarju jkun involut f'attività ekonomika, u li jaħdem f'suq fejn hemm kummerċ bejn l-Istati Membri. In-natura tal-benefiċjarju mhix rilevanti f'dan il-kuntest (anki organizzazzjoni li ma tagħmilx qligħ tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ekonomiċi).

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ammonti żgħar ta' għajnuna (għajnuna *de minimis*[1]) m'għandhomx effett potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, tqis li għajnuna bħal din taqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87 (1) tat-Trattat.

Din id-deskrizzjoni qasira tal-kriterji li jiddefinixxu l-għajnuna Statali turi li l-kamp tal-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna Statali huwa wiesa' (imma mhux miftuħ).

## 3. L-għajnuna Statali kompatibbli

Skont l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat, il-miżuri ta' għajnuna li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġew deskritti fil-qosor aktar 'il fuq, fil-prinċipju, mhumiex kompatibbli mas-suq komuni. Madankollu, il-prinċipju ta' inkompatibilità mhux projbizzjoni totali. L-Artikoli 87(2) u 87(3) tat-Trattat jispeċifikaw numru ta' każijiet fejn l-għajnuna Statali tista' titqies bħala aċċettabbli (dawk li jissejħu "*eżenzjonijiet*"). L-eżistenza ta' dawn l-eżenzjonijiet tiġġustifika wkoll l-eżami bir-reqqa ta' miżuri ta' għajnuna Statali ppjanati mill-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 88 tat-Trattat. Dan l-artikolu jipprovdi li l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe pjan ta' għotja ta' għajnuna Statali qabel ma dan il-pjan jidħol fis-seħħ. Dan jagħti lill-Kummissjoni anki l-poter li tiddeċiedi jekk il-miżura ta' għajnuna proposta tikkwalifikax għal eżenzjoni jew jekk "*l-Istat ikkonċernat għandux jabolixxi jew ibiddel għajnuna bħal din*".

Għall-parti l-kbira tal-każijiet tal-għajnuna Statali, l-aktar klawżoli ta' eżenzjoni rilevanti huma dawk tal-Artikoli 87(3)(a) u 87(3)(c) tat-Trattat:

- L-Artikolu 87(3)(a) ikopri "għajnuna maħsuba biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjun fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm stat serju ta' nuqqas ta' impieg";
- L-Artikolu 87(3)(c) jirreferi għal "għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni ".

[1] Ara l-anness: skema 13 fuq ir-regola *de minimis*.

Fl-eżerċizzju tal-poteri tagħha, il-Kummissjoni żviluppat metodi speċifiċi li jiddependu mid-daqs tad-ditta, mil-lokalità fejn tinsab, mill-industrija konċernata, mill-iskop tal-għajnuna, eċċ. Sabiex tiżgura trasparenza, prevvedibbiltà u ċertezza legali, il-Kummissjoni għamlet pubbliċi l-kriterji li tuża meta tiddeċiedi jekk il-miżuri tal-għajnuna notifikati lilha jikkwalifikawx għal eżenzjoni. Dawn il-pubblikazzjonijiet ħadu l-forma ta' regolamenti, "komunikazzjonijiet", "avviżi", "oqfsa", "linji gwida", u ittri lill-Istati Membri[2].

Nistgħu niddistingwu tliet kategorji prinċipali ta' għajnuna skont l-Artikoli 87(3)(a) u 87(3)(c) tat-Trattat:

## (a) L-għajnuna reġjonali

Kemm l-Artikolu 87(3)(a) kif ukoll l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat jipprovdu bażi għall-aċċettazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna Statali mmirati biex jegħlbu l-problemi reġjonali:

- L-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat idur lejn l-għajnuna Statali biex tippromwovi l-iżvilupp ta' "*reġjun fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm stat serju ta' nuqqas ta' impieg*". Huwa għalhekk li l-istat tal-Artikolu 87(3)(a) jingħata fuq il-bażi ta' kriterju tal-UE (ir-reġjuni NUTS II bi PGD/*cap.* (PPS) iktar baxx minn 75% tal-medja tal-UE-25[3]). Għall-perjodu 2007-2010, skont l-Artikolu 87(3)(a), reġjuni b'inqas minn 75% tal-PGD medju/*cap* (PPS)[4] tal-UE-15 huma wkoll eliġibbli.

- L-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat ikopri għajnuna lil tipi oħra ta' reġjuni bi problemi (nazzjonali) "*għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ... ta' ċerti reġjuni ekonomiċi*". Dan l-artikolu jagħti lill-Istati Membri l-possibiltà li jgħinu lir-reġjuni li huma żvantaġġjati *meta mqabbla mal-medja nazzjonali.* Il-lista tar-reġjuni li jikkwalifikaw għal din l-eżenzjoni ġiet ukoll deċiża mill-Kummissjoni, imma fuq proposta tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jużaw kriterji *nazzjonali* biex jiġġustifikaw il-proposta tagħhom.

Il-kriterji li jintużaw għall-valutazzjoni tal-għajnuna reġjonali nġabru flimkien fil-"Linji Gwida dwar l-għajnuna nazzjonali reġjonali għall-2007-2013". Il-kontenut ta' dan id-dokument inġabar fil-qosor fl-iskeda dwar l-għajnuna reġjonali fl-anness.

## (b) Regoli orizzontali oħra

Regoli transindustrijali jew "orizzontali" jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar kategorji partikolari ta' għajnuna li huma mmirati biex jegħlbu problemi li jistgħu jinqalgħu fi kwalunkwe industrija u reġjun.

Sal-lum, il-Kummissjoni adattat "oqfsa", "linji gwida" jew "regolamenti ta' eżenzjoni sħiħa" li jistabbilixxu l-kriterji li għandhom jiġu applikati għall-kategorji ta' għajnuna li ġejjin:

- Għajnuna għat-tibdil fil-klima u ħarsien ambjentali ieħor;
- Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni;
- Għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikulta;
- Għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

---

[2] Ir-regolamenti, il-komunikazzjonijiet, l-avviżi, l-oqfsa u l-linji gwida kollha rilevanti huma disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Ko
**http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/legislation.html**

[3] Sabiex tkun żgurata l-konsistenza, id-data tal-UE-25 tintuża għall-perjodu kollu bejn l-2007 u l-2013.

[4] Ekwivalenti għal 82.2% tal-PGD/*cap* medju tal-UE-25.

- Għajnuna għall-impjiegi;
- Għajnuna għat-taħriġ;
- Għajnuna għall-kapital ta' riskju; u
- Għajnuna għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

Fl-iskedi fl-anness, ġie ppreżentat ukoll sommarju tar-"regolamenti", tal-"oqfsa" u tal-"linji gwida" li huma relatati ma' kull waħda mill-kategorji ta' għajnuna t'hawn fuq.

### (c) Ir-regoli Settorjali

Il-Kummissjoni adottat ukoll regoli speċifiċi għall-industrija jew "settorjali" li jiddefinixxu l-metodu tagħha fil-konfront tal-għajnuna Statali f'industriji partikolari. L-aktar rilevanti f'dan il-kuntest huma dawn li ġejjin:

- *Is-setturi ġenerali*

Matul is-snin, ġew adottati regoli speċjali għal numru ta' setturi li għandhom tipi speċifiċi ta' problemi jew kundizzjonijiet li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' sett speċifiku ta' regoli. Bħalissa dawn jinkludu s-setturi tal-produzzjoni awdjoviżiva, tax-xandir, tal-faħam, tal-elettriku (spejjeż mitlufa), tas-servizzi postali, u tal-bini tal-bastimenti. Hemm ukoll restrizzjonijiet speċifiċi fuq l-għotja ta' għajnuna lill-industrija tal-azzar u tal-fibri sintetiċi.

- *L-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd u l-akkwakultura*

Ir-regoli ġenerali dwar l-għajnuna Statali li ġew deskritti f'dan il-Vademecum ma japplikawx, jew japplikaw biss sa ċertu punt fis-setturi involuti fil-produzzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-agrikoltura u tas-sajd[5]. Ir-regoli li japplikaw għal dawn is-setturi ġew prinċipalment stabbiliti fil-Linji Gwida Komunitarji għall-għajnuna Statali fis-Settur tal-Agrikoltura u tal-Forestrija għall-2007-2013[6] u fil-Linji Gwida Komunitarji għall-Eżami tal-Għajnuna Statali lis-Sajd u lill-Akkwakultura[7].

Aktar informazzjoni dwar ir-regoli li japplikaw f'dawn is-setturi tista' tinkiseb mill-unitajiet tal-għajnuna Statali tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp rurali u d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd.

- *It-trasport*

Fis-settur tat-trasport bit-triq, japplikaw il-parti l-kbira tar-regoli ġenerali dwar l-għajnuna Statali (inkluż ir-regolament *de minimis*, għalkemm hemm numru ta' eċċezzjonijiet (eż., ġeneralment it-tagħmir tat-trasport ma jkunx eliġibbli għal għajnuna, l-għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq hija eskluża mir-regolament *de minimis* u l-limitu massimu *de minimis* tnaqqas għal EUR 100,000 għas-settur tat-trasport bit-triq).

Ir-regoli dwar l-għajnuna Statali li huma speċifiċi għal settur japplikaw fis-setturi l-oħra tat-trasport (ferrovija, ajru, passaġġi tal-ilma interni u trasport marittimu). L-informazzjoni dwar

[5]Il-lista ta' prodotti konċernati hija speċifikata fl-Anness I għat-Trattat KE (Indirizz tal-internet: http://eur-lex.europa.eu/en/treaties/index.htm).
[6] Ġurnal Uffiċjali C 319, 27.12.2006, p. 1.
[7] Ġurnal Uffiċjali C 84, 3.4.2008, p. 10.

ir-regoli dwar l-għajnuna Statali f'dawn is-setturi tista' tinkiseb mill-unità tal-għajnuna Statali tad-DĠ Enerġija u Trasport[8].

Id-DĠ Enerġija u Trasport huwa wkoll kompetenti fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna Statali għas-settur tal-faħam[9].

### (d) L-istrumenti speċifiċi tal-għajnuna

Għall-użu ta' strumenti speċifiċi ta' għajnuna bħalma huma l-garanziji, l-għajnuna fiskali, l-injezzjonijiet ta' kapital, jew għall-kalkolu tal-kontenut ta' għajnuna ta' miżura, ġiet ipprovduta gwida permezz tal-pubblikazzjoni ta' numru ta' avviżi li huma disponibbli fis-sit web tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

## Fil-qosor

Minbarra l-kompetenzi tad-DĠ Agrikoltura, tad-DĠ Sajd u tad-DĠ Enerġija u Trasport imsemmija aktar 'il fuq, id-DĠ Kompetizzjoni huwa kompetenti għall-għajnuna fis-setturi l-oħra kollha.

It-tabella 1 tipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-kategoriji prinċipali ta' għajnuna koperti minn "linji gwida", "oqfsa" jew "regolament ta' eżenzjoni sħiħa" li ġew adottati mill-Kummissjoni s'issa. Għal kull waħda minn dawn il-kategoriji, it-tabella tindika wkoll jekk tistax tingħata eżenzjoni fit-territorju kollu tal-UE jew jekk hix ristretta għal reġjuni mgħejjuna. L-aħħar kolonna fit-tabella tagħti t-titolu tal-iskeda (ara l-anness) fejn tiġi ttrattata l-għajnuna.

**Tabella 1. Il-kategoriji prinċipali ta' għajnuna orizzontali u reġjonali permessi skont il-linji gwida, l-oqfsa jew ir-regolamenti tal-UE**

| Għajnuna għal: | Oqsma ta' għajnuna reġjonali | | Oqsma oħra | Skeda rilevanti (ara l-Anness) |
|---|---|---|---|---|
| | Oqsma tal-Art. 87(3)(a) | Oqsma tal-Art. 87(3)(c) | | |
| Investiment inizjali (ditti kbar) | Iva | Iva | Le | Għajnuna reġjonali + GBER |
| Investiment inizjali (SMEs) | Iva | Iva | Iva | Għajnuna reġjonali + għajnuna għall-SMEs + GBER |
| Nefqa ambjentali | Iva | Iva | Iva | Għajnuna ambjentali + GBER |
| Nefqa R&D&I | Iva | Iva | Iva | Għajnuna R&D&I + GBER |
| Għajnuna għat-trasport(*) | Iva(*) | Iva(*) | Le | Għajnuna reġjonali |
| 'Soft aid' (SMEs) | Iva | Iva | Iva | Għajnuna għall-SMEs + GBER |
| Għajnuna għall-kapital ta' | Iva | Iva | Iva | Għajnuna għall-kapital ta' riskju + |

[8] Jekk jogħġbok ara http://ec.europa.eu/dgs/energy_transport/state_aid/transport_en.htm

[9] B'mod speċifiku, id-DĠ Trasport u Enerġija huwa responsabbli għall-faħam iebes li jaqa' fid-definizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1407/2002 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam, jiġifieri faħam tal-kategoriji A u B ta' grad għoli, ta' grad medju u ta' grad baxx fit-tifsira tas-sistema ta' kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| riskju | | | | GBER |
| Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali | Iva | Iva | Iva | Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali |
| Għajnuna għat-taħriġ | Iva | Iva | Iva | Għajnuna għat-taħriġ + GBER |
| Għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni | Iva | Iva | Iva | Għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni |

* Għajnuna b'kumpens għall-ispejjeż addizzjonali tat-trasport li jsiru minn impriżi li jinsabu fl-aktar reġjuni mbiegħda jew f'reġjuni b'popolazzjoni b'densità baxxa.

# 4. Il-metodoloġija bażika użata fl-istima tal-għajnuna Statali

Biex ikompli jibni fuq l-esperjenza żviluppata u fuq il-kompetenza akkwistata matul iż-żmien, il-pakkett ta' riforma tal-għajnuna Statali introduċa approċċ ekonomiku aktar irfinat fl-evalwazzjoni tal-każijiet tal-għajnuna Statali. L-istabbiliment ta' kriterji u metodoloġija ekonomika aktar preċiżi għall-evalwazzjoni tal-elementi pożittivi u negattivi ta' miżura tal-għajnuna Statali mmirata biex tikseb l-għan ta' "għajnuna inqas iżda mmirata aħjar".

L-ekonomija tilgħab rwol importanti ħafna fl-analiżi tal-għajnuna Statali kemm fl-istadju ta' kwalifika għall-għajnuna skont l-Art 87(1) tat-Trattat kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri tal-għajnuna. Fir-rigward l-ewwel stadju, il-Kummissjoni għamlet reviżjoni tal-avviż *de minimis* (Skeda 13) u l-avviż ta' garanzija (Skeda 12) u fil-preżent qed tagħmel reviżjoni tal-Komunikazzjoni fuq il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

L-evalwazzjoni tal-kompatibilità għall-għajnuna hija essenzjalment l-ibbilanċjar tal-**effetti pożittivi** tal-għajnuna (f'termini ta' kontribuzzjoni għall-kisba ta' għan definit tajjeb ta' interess komuni) u **l-effetti negattivi tagħha** (jiġifieri d-distorzjoni li tirriżulta tal-kompetizzjoni u n-negozju) (it-"**test tal-ibbilanċjar**"). Sabiex tkun iddikjarata kompatibbli, l-għajnuna għandha tkun neċessarja u proporzjonata biex tikseb għan partikolari ta' interess komuni.

L-approċċ ekonomiku rfinat, madankollu, ma jfissirx li kull każ ta' għajnuna Statali jgħaddi minn evalwazzjoni speċifika dettaljata. Bl-użu tar-razzjonalità ekonomika tat-test tal-ibbilanċjar, il-Kummissjoni rriflettiet il-ħtiġiet ekonomiċi meta stabbiliet ir-regoli ġenerali tal-għajnuna Statali, waqt li fl-istess ħin ippermettiet l-aktar sistema xierqa ta' kontroll. B'riżultat ta' dan, l-inqas każijiet ta' distorzjoni mhumiex ikkunsidrati bħala għajnuna Statali (ara Skeda 13 fuq l-għajnuna *de minimis*). It-tieni, każijiet li għalihom ikun possibbli t-tfassil ta' sett ta' kriterji *ex ante* ta' kompatibilità li jistgħu jiġu applikati b'mod faċli huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika (ara Skeda 1 dwar il-GBER). Il-livell li jmiss, l-evalwazzjoni standard, jippermetti li l-Kummissjoni tevalwa ħafna mill-każijiet permezz ta' kundizzjonijiet definiti minn qabel (inklużi intensitajiet stabbiliti tal-għajnuna) li huma mmirati biex jiżguraw il-proporzjonalità u n-neċessità tal-għajnuna u l-effetti limitati tagħha ta' distorzjoni, jiġifieri li għalihom l-evalwazzjoni ekonomika rfinata issir *en bloc* bil-quddiem u hija riflessa fis-suppożizzjonijiet legali tar-regoli. L-aħħar livell ta' kontroll – l-evalwazzjoni dettaljata – jiġi applikat għall-

każijiet li potenzjalment ikollhom l-aktar distorzjoni fejn il-Kummissjoni tivverifika r-razzjonalità ekonomika tal-għajnuna fuq bażi ta' każ każ.

**Tabella 2. Gradazzjoni tal-evalwazzjoni:**

| | |
|---|---|
| 1 | L-ebda għajnuna - De minimis |
| 2 | Ir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali (GBER) |
| 3 | Evalwazzjoni standard |
| 4 | Evalwazzjoni dettaljata |

L-element bażiku tal-approċċ ekonomiku aktar irfinat huwa t-**test tal-ibbilanċjar**. Dan hu essenzjalment analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżura proposta.

It-test tal-ibbilanċjar jistabbilixxi l-elementi tal-analiżi li ġejjin:

**1. Għan definit tajjeb tal-interess komuni**

L-għajnuna għandha tkun immirata lejn għan tal-interess komuni definit tajjeb (bħal tkabbir, impjieg, koeżjoni, ħarsien ambjentali, eċċ). Dan jista' jinkludi kemm l-għanijiet tal-effiċjenza kif ukoll tal-ekwità. L-għan tal-effiċjenza jimmira li jikkoreġi fallimenti tas-suq (eż., aspetti minn barra, informazzjoni mhux perfetta, problemi ta' koordinazzjoni). L-għanijiet tal-ekwità jistgħu jinkludu, per eżempju, l-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità, jew l-inkoraġġiment ta' ditti biex iwaqqfu fabbriki f'reġjuni żvantaġġjati. F'xi każijiet l-għajnuna tista' tkun ukoll awtorizzata biex tippromwovi t-tranżizzjoni għal swieq li jiffunzjonaw aħjar.

**2. Strument imfassal tajjeb**

Il-kwistjoni bażika hawnhekk hija biex ikun aċċertat jekk l-għajnuna hix imfassla tajjeb biex tissodisfa l-għan tal-interess komuni identifikat hawn fuq. Sabiex isir dan, it-tweġibiet għat-tliet mistoqsijiet li ġejjin ser ikunu kruċjali:

- L-għajnuna hija **strument politiku xieraq**? Mingħajr ma tinterferixxi mal-għażla tal-istrumenti politiċi tal-Istati Membri, l-għajnuna Statali għandha tintuża fejn il-vantaġġi tal-użu ta' strument selettiv (bħal għajnuna Statali) huma stabbiliti u murija.

- Hemm **effett ta' inċentiv**? L-għajnuna tbiddel il-komportament tal-benefiċjarju? Il-benefiċjarju għandu, b'riżultat tal-għajnuna, jinvolvi ruħu f'attivitajiet li kieku (i) għal kollox ma jwettaqx mingħajr l-għajnuna jew (ii) iwettaq biss b'mod ristrett jew differenti. L-għan huwa li tiġi evitata għajnuna Statali għal attività li l-kumpanija tkun xorta se twettaq, anki mingħajr l-għajnuna Statali, u fl-istess ammont (eż. taħriġ li l-kumpanija tkun f'kwalunkwe każ ser tagħmel għall-impjegati tagħha sabiex topera).

- Hija **proporzjonata** l-miżura tal-għajnuna mal-problema mistħarrġa? Din il-mistoqsija tindirizza jekk l-istess bidla fil-komportament setgħetx tinkiseb b'inqas għajnuna. L-ammont u l-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu limitati għall-ħtieġa minima biex titwettaq l-attività. Normalment, l-għajnuna hija meqjusa bħala proporzjonali jekk l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti bil-leġiżlazzjoni jiġu rispettati.

Sabiex twettaq dan l-analiżi, il-Kummissjoni għandha tidentifika **xenarju kontrofattwali**. L-idea hija li jkun ikkumparat il-proġett mgħejjun ma' sitwazzjoni ipotetika fejn l-ebda għajnuna ma tingħata. Huwa biss b'dan il-mod li wħud mill-għanijiet tal-interess komuni (eż falliment tas-suq) u l-effett tal-inċentiv (il-komportament tal-benefiċjarju tbiddel?) ikunu analizzati.

**3. L-ibbilanċjar tal-effetti pożittivi u negattivi/bilanċ totali pożittiv**

Din il-mistoqsija tindirizza l-effetti possibilment negattivi tal-għajnuna u l-kobor tagħhom li magħhom jiġu bbilanċjati l-effetti pożittivi tagħha.

L-effetti negattivi huma prinċipalment effetti ta' distorzjoni fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Jistgħu jinkludu l-prevenzjoni ta' ħruġ u ż-żamma ta' ditti ineffiċjenti għaddejjin, il-qlugħ 'il barra ta' investiment privat, l-isfaxxar ta' inċentivi dinamiċi, l-ispejjeż tal-għajnuna Statali konnessi mal-infiq fiskali eċċ.

Sabiex l-għajnuna tinstab kompatibbli, l-ammont kbir ta' effetti negattivi jeħtieġ li jagħmel tajjeb għalih u b'mod suffiċjenti livell għoli li jikkorrispondi ta' effetti pożittivi tal-għajnuna. Sabiex titwettaq din l-analiżi, l-effetti fuq iż-żewġ naħat tal-ekwazzjoni għandhom ikunu indikati kemm f'termini kwalitattivi u, sa fejn ikunu possibbli, f'termini kwantitattivi. Il-Kummissjoni ser tagħmel evalwazzjoni totali tal-impatt tagħhom fuq il-produtturi u l-konsumaturi fis-swieq ikkonċernati bil-miżura tal-għajnuna. Ir-riżultat totali ser jiddependi fuq serje ta' karatteristiċi tal-miżura proposta tal-għajnuna u ser ikun evalwat fuq bażi ta' każ każ għall-miżuri suġġetti għall-evalwazzjoni dettaljata.

# 5. Il-proċeduri ta' notifika u ta' awtorizzazzjoni

Is-superviżjoni Komunitarja tal-għajnuna Statali hija bbażata fuq sistema ta' awtorizzazzjoni *ex ante*. Skond din is-sistema, l-Istati Membri huma meħtieġa jinformaw ("*notifika ex ante*") lill-Kummissjoni bi kwalunkwe pjan li jagħtu jew ibiddlu l-għajnuna Statali, u m'għandhomx permess li jdaħħlu fis-seħħ għajnuna bħal din qabel ma tiġi awtorizzata mill-Kummissjoni (*"standstill-principle"*). Skond it-Trattat, il-Kummissjoni tingħata l-kompetenza li tiddetermina jekk il-miżura ta' għajnuna notifikata tikkostitwix għajnuna Statali fis-sens tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat, u jekk tikkostitwixxi għajnuna, jekk tikkwalifikax għal eżenzjoni skont l-Artikolu 87(2) jew (3) tat-Trattat. L-Istati Membri ma jistgħu jagħtu l-ebda għajnuna Statali sakemm din ma tkunx ġiet innotifikata *u awtorizzata mill-Kummissjoni*. Kwalunkwe għajnuna, li tingħata mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, tiġi kklassifikata awtomatikament bħala "*għajnuna illegali*". Skond ir-regoli proċedurali preżenti, il-Kummissjoni hija obbligata li tordna l-irkupru mingħand il-benefiċjarji ta' kwalunkwe għajnuna illegali li jinsab li ma tkunx kompatibbli mas-suq komuni. Barra minn dan, il-Qrati Ewropej għarfu li l-imħallfin nazzjonali huma kompetenti li jiddeċiedu jekk kienx hemm konformità mal-proċeduri tan-notifika u jekk le, li jordnaw l-irkupru tal-għajnuna.

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni bdiet proċess ta' modernizzazzjoni u ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' għajnuna Statali. Għal dan il-għan, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998, li jippermetti lill-Kummissjoni tadotta dawk li jissejħu "*regolamenti ta' eżenzjoni sħiħa*" għall-għajnuna Statali. B'dawn ir-Regolamenti, il-Kummissjoni tista' tiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna Statali huma kompatibli mat-Trattat jekk dawn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, u għalhekk dawn ikunu eżentati mir-

rekwiżit ta' notifika minn qabel u mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Fil-passat, il-Kummissjoni adottat diversi regolamenti ta' eżenzjoni sħiħa. Fl-2008, madankollu, ir-Regolament ġdid ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali li jgħaqqad il-qafas legali eżistenti u jintroduċi aktar tipi ġodda ta' miżuri li huma eżentati mill-obbligu tan-notifika ħa post dawn ir-regolamenti. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti fil-GBER mingħajr il-bżonn li tingħata notifika minn qabel u jiżguraw il-qbil tal-Kummissjoni. Aktar informazzjoni dwar il-GBER tista' tinstab fl-anness (Dokument 1). Regolament ieħor jikkodifika l-applikazzjoni tar-regola *de minimis* li tistabbilixxi li l-għajnuna lil impriża hija taħt il-limitu ta' €200,000 fuq perjodu ta' tliet snin fiskali u li tirrispetta ċerti kundizzjonijiet, ma tikkostitwix għajnuna Statali fis-sens tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat, minħabba li jitqies li din ma taffetwax il-kummerċ jew tgħawweġ il-kompetizzjoni (Dokument 13). Għalhekk, miżura bħal din m'għandhiex għalfejn tkun notifikata.

Bħala riżultat tal-proċess ta' modernizzazzjoni, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' miżuri ta' għajnuna:

- **Miżuri ta' għajnuna li huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika**

Il-miżuri ta' għajnuna individwali jew l-iskemi ta' għajnuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-GBER li ġew adottati mill-Kummissjoni mhemmx għalfejn jiġu notifikati lill-Kummissjoni. L-Istat Membru minflok ikun meħtieġ li jissottometti lill-Kummissjoni deskrizzjoni sommarja tal-miżura ta' għajnuna fi żmien 20 jum ta' ħidma *wara* l-implementazzjoni tal-miżura. Fejn il-miżura ta' għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament *de minimis* (Dokument 13), lanqas biss hemm rekwiżiti li wieħed jissottometti informazzjoni sommarja bħal din (għalkemm l-Istati Membri huma obbligati li jimmonitorjaw għajnuna bħal din skont ir-Regolament *de minimis*). Għall-miżuri eżentati min-notifika skont il-GBER, l-Istati Membri għandhom ukoll l-obbligu li jippubblikaw it-test komplut ta' miżura bħal din fuq l-internet u jħalluh hemmhekk sakemm il-miżura tibqa fis-seħħ.

- **Miżuri ta' għajnuna li huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' notifika**

Fit- 22.03.1999, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) 659/1999 (kif emendat wara)[10], li jistabbilixxi r-regoli proċedurali li għandhom jiġu segwiti fil-qasam ta' għajnuna Statali. Segwa r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004[11], u dan implimenta r-Regolament tal-Kunsill li ssemma aktar 'l fuq. Aktar 'l isfel, ser tingħata deskrizzjoni qasira tar-regoli li japplikaw għal każ normali ta' notifika:

- **Notifika**

Huwa l-Istat Membru konċernat (l-awtoritajiet ċentrali), li jrid jinnotifika l-miżuri ta'għajnuna ppjanati, permezz tar-Rappreżentanza Permanenti tiegħu. Sabiex tgħaġġel it-trattament, il-

[10] Ġurnal Uffiċjali L 83, 27.3.1999, p.1.

[11] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, Ġurnal Uffiċjali L 140, 30.4.2004, p. 1-134.

Kummissjoni ppreparat formoli standard ta' notifika għall-parti l-kbira tat-tipi ta' għajnuna. Softwer dedikat ("SANI") tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri sabiex jiffaċilita u jaċċelera l-proċess ta' notifika.

Ċerti tibdiliet minuri fl-għajnuna eżistenti huma suġġeti għal sistema simplifikata ta' notifika u għal proċedura aktar mgħaġġla tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Arranġamenti simplifikati bħal dawn jistgħu jiġu aċċettati biss jekk il-Kummissjoni ġiet infurmata b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-għajnuna eżistenti konċernata.

- **Talba għal aktar informazzjoni**

Jekk in-notifika mhix kompleta, il-Kummisjoni ser titlob aktar informazzjoni. L-Istat Membru konċernat ġeneralment jingħata 20 jum biex jipprovdi din l-informazzjoni.

- **Eżami u deċiżjoni**

Il-Kummissjoni għandha xahrejn żmien biex matulhom teżamina l-għajnuna proposta. Il-perjodu ta' xaharejn jibda mid-data meta l-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex tivvaluta l-każ u n-notifika tista' titqies bħala kompleta. Dan l-eżami ġeneralment ser jiġi konkluż jew permezz ta' "deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet" jew permezz ta' "deċiżjoni biex jinbdew il-proċeduri tal-Artikolu 88(2)":

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni, il-miżura ta' għajnuna konċernata tista' tiġi implimentata.

Il-Kummissjoni tibda l-proċeduri tal-Artikolu 88(2) jekk ikollha dubji dwar il-kompatibilità mas-suq komuni tal-miżura tal-għajnuna notifikata. F'każi bħal dawn, il-Kummissjoni tiftaħ "investigazzjoni formali". Din tippubblika deskrizzjoni tal-għajnuna fil-Ġurnal Uffiċjali u fuq is-sit web tagħha u tistieden lill-Istat Membru konċernat u lill-partijiet interessati biex jikkummentaw. Fi tmiem l-investigazzjoni, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni finali. Din tista' tkun pożittiva (l-għajnuna tista' tiġi implimentata), negattiva (l-għajnuna ma tistax tiġi implimentata) jew pożittiva, iżda suġġetta għal kundizzjonijiet iddikjarati (l-għajnuna tista' tiġi implimentata jekk jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet). Il-limitu massimu u indikattiv ta' żmien previst għal investigazzjoni bħal din huwa ta' 18-il xahar.

Id-deċiżjonijiet kollha huma suġġetti għal *reviżjoni mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja skont* l-Artikolu 230 tat-Trattat. Il-qrati nazzjonali għandhom ukoll rwol fir-rigward tal-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-Kummisjoni.

# 6. L-għajnuna Statali fil-programm ta' Fondi Strutturali

Il-programmi operattivi skont il-fondi strutturali għall-2007-2013 ser jinkludu klawżola standard li tindika li "kwalunkwe appoġġ pubbliku taħt dan il-programm irid ikun konformi mar-regoli proċedurali u materjali dwar l-għajnuna Statali li jkunu japplikaw f'dak iż-żmien meta tingħata l-appoġġ pubbliku". Hija r-reponsabilità tal-awtoritajiet ta' ġestjoni li jiżguraw li din il-kundizzjoni tiġi sodisfatta.

# Anness: Skedi ta' Għajnuna Statali

Hemm 13-il skeda fejn kull waħda hi relatata ma' suġġett speċifiku tal-għajnuna Statali, organizzati permezz ta' kategorija tal-għajnuna jew permezz ta' strument tal-għajnuna.

Kull skeda tippreżenta sommarju konċiż tad-dispożizzjonijiet prinċipali li japplikaw għas-suġġett konċernat. Din tagħti wkoll ir-referenza preċiża tar-Regolament tal-Kummissjoni, tal-Linja Gwida, tal-Qafas, tal-Komunikazzjoni jew tal-Avviż, kif applikabbli. Verżjoni sħiħa tat-testi legali li jissemmew fl-iskedi hija disponibbli wkoll fuq is-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/legislation.html).

| | |
|---|---|
| Skeda 1 | Ir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali |
| Skeda 2 | L-għajnuna għat-tibdil fil-klima u ħarsien ambjentali ieħor |
| Skeda 3 | L-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni |
| Skeda 4 | L-għajnuna reġjonali |
| Skeda 5 | L-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikultà |
| Skeda 6 | L-għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju |
| Skeda 7 | L-għajnuna għall-impjiegi |
| Skeda 8 | L-għajnuna għat-taħriġ |
| Skeda 9 | Il-miżuri tal-kapital ta' riskju |
| Skeda 10 | L-elementi ta' għajnuna Statali fil-bejgħ ta' art u ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi |
| Skeda 11 | Is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali |
| Skeda 12 | L-avviż ta' Garanzija |
| Skeda 13 | Ir-regola *de minimis* |

## *Attenzjoni:*

**L-iskedi mehmuża jagħtu sommarju konċiż, u kultant issimplifikat, ta' leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna Statali. Ovvjament, mis-sommarji u t-tabelli li ġew ippreżentati f'dawn l-iskedi ma jista' jkun derivat l-ebda dritt. Għal verżjoni aktar awtorevoli tar-regoli li japplikaw f'kull qasam, il-qarrej jiġi riferut għat-testi leġiżlattivi sħaħ rilevanti li r-riferenzi eżatti tagħhom huma speċifikati f'kull skeda.**

**Din il-verżjoni tal- Vademecum ġiet kompletata fit- 30 ta' Settembru 2008.**

# Skeda 1 Ir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor ir-"Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq komuni fl-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ir-Regolament ta' Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali)" (Ġurnal Uffiċjali L 214, 9.8.2008, p.3-47) (minn hawn 'il quddiem biss il-"GBER").

Aktar dettalji fl-applikazzjoni tal-GBER għal kategoriji individwali tal-għajnuna huma inklużi fi skedi differenti tal-anness fuq il-bażi tas-suġġett rilevanti.

## *L-ambitu*

Il-GBER japplika għas-setturi kollha tal-ekonomija minbarra għall-qasam tas-sajd u l-akkwakultura, l-agrikoltura u l-faħam[12], u minbarra għall-għajnuna *reġjonali* fis-settur tal-azzar, tal-bini ta' bastimenti u tal-fibri sintetiċi u kif ukoll skemi ta' għajnuna reġjonali mmirati għal setturi speċifiċi ta' attività ekonomika (minbarra t-turiżmu). Ma japplikax għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni jew biex ikun ippreferut l-użu ta' oġġetti domestiċi fuq dawk importati. Ma japplikax għal għajnuna *ad hoc* għal impriżi kbar, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna reġjonali għall-investiment u l-impjieg.

Il-GBER jistabbilixxi l-limiti massimi individwali tal-għajnuna[13] (għal kull katergorija ta' miżura) li taħthom hija applikabbli.

## *Il-kunċetti*

Il-miżuri elenkati fil-GBER u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih ser jibbenefikaw minn eżenzjoni tar-rekwiżit ta' notifika. L-Istati Membri għalhekk huma ħielsa biex jimplimentawhom mingħajr evalwazzjoni addizzjonali tal-Kummissjoni.

L-għajnuna mhux koperta mill-GBER tkompli tkun suġġetta għar-rekwiżit ta' notifika u l-evalwazzjoni regolari tal-għajnuna Statali tal-Kummissjoni.

Il-GBER **jikkonsolida** f'test wieħed u jarmonizza r-regoli li qabel kienu jeżistu f'regolamenti differenti. **Ikabbar** ukoll il-qasam kopert mill-eżenzjonijiet ta' notifika b'ħames tipi ta' għajnuna li ma kinux għadhom ġew eżentati (l-għajnuna ambjentali, l-għajnuna għall-innovazzjoni, l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp għal kumpaniji kbar, l-għajnuna fil-forma ta' kapital ta' riskju u l-għajnuna għal intrapriżi li jkunu għadhom kemm jinħolqu minn intraprendituri nisa).

Il-GBER japplika biss għal għajnuna **trasparenti**, jiġifieri għotjiet u sussidji ta' rati tal-interess, self fejn l-għotja grossa ekwivalenti tqis ir-rati tal-interess, l-iskemi ta' garanzija, il-miżuri fiskali (b'*cap*) u avvanzi li jitħallsu mill-ġdid taħt ċerti kundizzjonijiet.

---

[12] Madankollu, l-għajnuna għat-taħriġ, il-kapital ta' riskju, R&D&I, l-għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġjati u b'diżabilità u l-għajnuna ambjentali jistgħu jiġu applikati f'ċerti ċirkostanzi, bla ħsara għall-kundizzjonijiet tal-GBER.

[13] Eż. l-għajnuna għall-investiment ambjentali ta' massimu ta' EUR 7.5 miljun, konsulenza għall-SMEs ta' EUR 2 miljun, riċerka fundamentali ta' EUR 20 miljun, riċerka industrijali ta' EUR 10 miljun, ħaddiema b'diżabilità ta' EUR 10 miljun.

L-għajnuna hija permessa biss jekk ikollha **effett ta' inċentiv**. Il-GBER jipprovdi kriterji differenti għall-verifika tal-effett tal-inċentiv b'komplessità mifruxa: (i) għal ċerti tipi ta' miżuri, l-effett tal-inċentiv hu preżumibbli (ii) għall-SMEs, l-effett tal-inċentiv hu preżenti jekk l-applikazzjoni għall-għajnuna tressqet qabel il-bidu tal-proġett; (iii) u għal intrapriżi kbar, minbarra dak imsemmi hawn fuq, l-Istat Membru kien ikollu jivverifika l-kundizzjonijiet bażiċi tad-dokumentazzjoni.

## *Kategoriji tal-għajnuna koperti u ta' intensitajiet tal-għajnuna*

Il-GBER tawtorizza t-tipi ta' għajnuna li ġejjin:

- għajnuna favur SMEs,
- għajnuna għar-riċerka u l-innovazzjoni,
- għajnuna għall-iżvilupp reġjonali,
- għajnuna għat-taħriġ,
- għajnuna għall-impjieg,
- għajnuna fil-forma ta' kapital ta' riskju,
- għajnuna ambjentali,
- għajnuna għall-promozzjoni tal-intraprenditorija

**Tabella 3. Kategoriji ta' miżuri, ammonti ta' għajnuna rilevanti u intensitajiet tal-għajnuna applikabbli skont il-GBER.**

| Tip ta' miżura tal-għajnuna | Ammont massimu permissibbli tal-għajnuna skont il-GBER | Limitu massimu tal-intensità tal-għajnuna skont il-GBER |
|---|---|---|
| Għajnuna reġjonali għall-investiment u l-impjieg (disponibbli biss f'żoni mgħejjuna), (Art. 13)<br><br>(intrapriżi kbar, ta' daqs medju u żgħar) | **Għajnuna ta' inqas minn 75% tal-għajnuna massima għall-investiment bi spejjeż eliġibbli ta' 100 m EUR** | • Intensità tal-għajnuna reġjonali skont il-mappa rispettiva ta' għajnuna reġjonali ; U<br>• + 20 punt perċentwali għall-intrapriżi żgħar;<br>• +10 punti perċentwali għall-intrapriżi ta' daqs medju (minbarra LIPs u t-trasport)[14] |
| Għajnuna għal intrapriżi li għadhom kemm jiftħu (Art. 14) | • 2 m EUR kull impriża f'reġjun ta' 87(3)(a)<br>• 1 m EUR kull impriża f'reġjun ta' 87(3)(c)<br>• ammonti *annwali* kull impriża - massimu ta' 33% tal-ammonti ta' għajnuna t'hawn fuq | *Reġjuni ta' 87(3)(a) :*<br>• 35% l-ewwel tliet snin wara l-ħolqien tal-impriża<br>• 25% sentejn ta' wara<br><br>*Reġjuni ta' 87(3)(c):*<br>• 25% l-ewwel tliet snin wara l-ħolqien tal-impriża<br>15% sentejn ta' wara[15] |

[14] Għall-agrikoltura japplikaw intensitajiet differenti.
[15] F'ċerti każi teżisti żieda oħra ta' 5% tal-ispejjeż eliġibbli.

| Tip ta' miżura tal-għajnuna | Ammont massimu permissibbli tal-għajnuna skont il-GBER | Limitu massimu tal-intensità tal-għajnuna skont il-GBER |
|---|---|---|
| Għajnuna tal-SMEs għall-investiment u l-impjieg (disponibbli barra żoni mgħejjuna) (Art. 15)<br><br>Għall-investiment fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett<br><br>7.5 m EUR kull impriża kull proġett | • 20% għall-intrapriżi żgħar<br>• 10% għall-intrapriżi ta' daqs medju<br><br>• 75% fl-aktar reġjuni mbiegħda<br>• 65% fi gżejjer iżgħar tal-Baħar Eġew<br>• 50% f'reġjuni ta' 87(3)(a) 40% fir-reġjuni l-oħra kollha |
| Għajnuna għal intrapriżi żgħar li għadhom kemm jinħolqu minn intraprendituri nisa | 1 m EUR kull impriża (massimu ta' 33% ta' dan kull sena) | 15% għall-ewwel ħames snin |
| Għajnuna għal konsulenza favur SMEs | 2 m EUR kull impriża kull proġett | 50% |
| Għajnuna għall-parteċipazzjoni ta' SMEs f'fieri | 2 m EUR kull impriża kull proġett | 50% |
| Għajnuna għall-kapital ta' riskju | 1.5 m EUR kull impriża mmirata kull 12-il xahar | M/A |
| Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp | • *riċerka fundamentali*: 20 m. EUR<br>• *riċerka industrijali*: 10 m EUR<br>• *oħrajn*: 7.5 m EUR kull impriża kull proġett<br><br>• 2x jekk EUREKA[16] | *intrapriżi kbar*:<br>• riċerka fundamentali: 100%<br>• riċerka industrijali: 50%<br>• żvilupp sperimentali: 25%<br><br>*intrapriżi ta' daqs medju:*<br>• riċerka industrijali:60%<br>• żvilupp sperimentali: 35%<br><br>*intrapriżi żgħar:*<br>• riċerka industrijali: 70%<br>• żvilupp sperimentali: 45%<br>+15 punti perċentwali (sa total ta' 80%) jekk jikkooperaw tnejn jew aktar |
| Għajnuna għal studji ta' fattibbiltà teknika | • *riċerka fundamentali*: 20 m EUR<br>• *riċerka industrijali*: 10 m EUR<br>• *oħrajn*: 7.5 m EUR kull impriża kull proġett<br>• 2x jekk EUREKA | • *SMEs*: 75% għal studji ta' riċerka industrijali, 50% għal studji ta' żvilupp sperimentali;<br><br>• *intrapriżi kbar*: 65% għal studji ta' riċerka industrijali, 40% għal studji ta' żvilupp sperimentali |
| Għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs | 5 m EUR kull impriża kull proġett | • *riċerka fundamentali*: 100%<br>• *riċerka industrijali*: 50%<br>• *żvilupp sperimentali*: 25% |

[16] Eureka hija netwerk pan-Ewropea għar-riċerka u l-iżvilupp industrijali orjentata lejn is-suq.

| **Tip ta' miżura tal-għajnuna** | **Ammont massimu permissibbli tal-għajnuna skont il-GBER** | **Limitu massimu tal-intensità tal-għajnuna skont il-GBER** |
|---|---|---|
| Għajnuna għal intrapriżi innovattivi li għadhom kemm jibdew | • 1 m EUR<br>• 1.5 m EUR f'reġjuni ta' 87(3)(a)<br>• 1.25 m EUR f'reġjuni ta' 87(3)(c) | M/A |
| Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd | taħt kundizzjonijiet speċifiċi | 100% taħt kundizzjonijiet speċifiċi |
| Għajnuna għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni għall-SMEs | EUR 200 000 kull impriża fi żmien 3 snin | 75% sakemm mhux ċertifikazzjoni nazzjonali jew Ewropea |
| Għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għoljin | M/A | 50% kull impriża, għal 3 snin, kull persuna mislufa |
| Għajnuna għat-taħriġ | 2 m EUR kull proġett ta' taħriġ | • 25% taħriġ speċifiku<br>• 60% taħriġ ġenerali<br>• +10 punti perċentwali għal ħaddiema b'diżabilità/żvantaġġjati<br>• +20 punti perċentwali għall-intrapriżi żgħar<br>• +10 punti perċentwali għall-intrapriżi ta' daqs medju<br>100% għat-trasport marittimu |
| Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġjati fil-forma ta' sussidji ta' pagi | 5 m EUR kull impriża kull sena | 50% |
| Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji ta' pagi | 10 m EUR kull impriża kull sena | 75% |
| Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali tal-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità | 10 m EUR kull impriża kull sena | 100% |
| Għajnuna għall-investiment biex imur lil hinn mill-istandards Komunitarji għall-ħarsien tal-ambjent jew li jgħolli l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza ta' standards Komunitarji | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett | Intrapriżi kbar: 35%<br>Intrapriżi ta' daqs medju: 45%<br>Intrapriżi żgħar: 55% |
| Għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji għall-ħarsien ambjentali | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett | Intrapri¿i kbar: 35%<br>Intrapri¿i ta' daqs medju: 45%<br>Intrapri¿i ¿għar: 55% |
| Għajnuna għall-adattament bikri għal standards ambjentali futuri għall-SMEs | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett | Jekk l-implimentazzjoni aktar minn 3 snin qabel l-istandard jidħol fis-seħħ:<br>• 15% għall-intrapriżi żgħar<br>• 10% għall-intrapriżi ta' daqs medju<br><br>Jekk l-implimentazzjoni bejn 1 u 3 snin qabel l-istandard jidħol fis-seħħ: 10% għall-intrapriżi żgħar |

| Tip ta' miżura tal-għajnuna | Ammont massimu permissibbli tal-għajnuna skont il-GBER | Limitu massimu tal-intensità tal-għajnuna skont il-GBER |
|---|---|---|
| Għajnuna għall-investiment f'miżuri ta' konservazzjoni tal-enerġija | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett | Żewġ metodi kif tiġi kkalkulata:<br>1. *spejjeż żejda tal- investiment (netti):*<br>• Intrapriża kbira: 60%<br>• Intrapriża ta' daqs medju: 70%<br>• Intrapriża żgħira: 80%<br><br>2. *spejjeż żejda tal- investiment (grossi):*<br>• Intrapriża kbira: 20%<br>• Intrapriża ta' daqs medju: 30%<br>Intrapriża żgħira: 40% |
| Għajnuna għall-investiment f'koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett | Intrapri¿i kbar: 45%<br>Intrapri¿i ta' daqs medju: 55%<br>Intrapri¿i ¿għar: 65% |
| Għajnuna għall-investiment fil-promozzjoni ta' enerġija minn enerġija li tiġġedded | 7.5 m EUR kull impriża kull proġett | Intrapri¿i kbar: 45%<br>Intrapriżi ta' daqs medju: 55%<br>Intrapri¿i ¿għar: 65% |
| Għajnuna għal studji ambjentali | M/A | Intrapri¿i kbar: 50%<br>Intrapri¿i ta' daqs medju: 60%<br>Intrapri¿i ¿għar: 70% |
| Għajnuna għall-ambjent, fil-forma ta' tnaqqis ta' taxxa | M/A | l-ebda intensità (permessa biss jekk mill-inqas jitħallas il-minimu Komunitarju, għall-perjodu massimu ta' 10 snin) |

## *L-akkumulazzjoni*

**L-akkumulazzjoni ta' miżuri differenti tal-GBER hu possibbli sakemm dawn jikkonċernaw spejjeż eliġibbli *differenti* li jistgħu jiġu identifikati. Fir-rigward l-istess spejjeż eliġibbli, l-ebda akkumulazzjoni mhi permessa għal spejjeż parzjali jew sħaħ li jkunu komuni għall-xulxin sakemm din l-akkumulazzjoni twassal biex tinqabeż l-għola intensità tal-għajnuna permessa taħt il-GBER.**

# Skeda 2 L-għajnuna għat-tibdil fil-klima u ħarsien ambjentali ieħor

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor il-"Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien Ambjentali" (Ġurnal Uffiċjali Nru C 82, 1.4.2008, p.1) (minn hawn 'il quddiem f'din l-iskeda "Il-Linji Gwida"). Tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-GBER għall-għajnuna ambjentali.

## *L-ambitu*

Il-Linji Gwida jkopru għajnuna għal azzjonijiet imfassla biex jirrimedjaw jew jipprevjenu ħsara lill-ambjenti fiżiċi jew ir-riżorsi naturali jew biex jinkoraġġixxu l-użu effiċjenti ta' dawn ir-riżorsi. Il-kontroll ta' għajnuna mill-Istat f'dan il-qasam jiżgura li l-miżuri jirriżultaw f'livell ta' ħarsien ambjentali ogħla milli kien ikun hemm mingħajr l-għajnuna u li l-effetti pożittivi tal-għajnuna jkunu akbar mill-effetti negattivi tagħha.

Bħala regola ġenerali, il-Linji Gwida japplikaw għas-setturi kollha rregolati mit-Trattat, inkluż dawk is-setturi li huma soġġetti għal regoli Komunitarji speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat (sakemm dawn ir-regoli ma jipprovdux mod ieħor). Madankollu l-Linji Gwida ma japplikawx għal:

- Għajnuna għal riċerka u żvilupp (R & D) u lanqas għat-tfassil u l-manifattura ta' prodotti li jħarsu l-ambjent. Madankollu, l-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' assi tal-eko-innovazzjoni (proġett) biex jitnaqqas it-tniġġiż hija koperta minn dawn il-Linji Gwida;
- Għajnuna għat-taħriġ fil-qasam ambjentali;
- Il-qasam tal-produzzjoni primarja agrikola jekk il-miżuri jkunu diġà koperti mill-linji gwida tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija[17];
- Fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura japplikaw biss jekk ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi oħra;
- Spejjeż li mhumiex irkuprabbli (*stranded costs*);
- It-tisħin distrettwali ħlief jekk dan iwassal għall-konservazzjoni tal-enerġija;
- L-infrastruttura tat-trasport bl-ajru, it-toroq, il-linji tal-ferrovija, il-kanali tal-ilma interni u t-trasport marittimu;
- **Id-disinn u l-manifattura ta' prodotti li jħarsu l-ambjent, magni jew mezzi ta' transport sabiex jitħaddmu b'inqas riżorsi naturali kif ukoll biex titjieb is-sigurtà tal-iġjene; u**
- **Il-ġabra u l-ħażna tal-karbonju.**

## *L-evalwazzjoni*

Il-Linji Gwida jirriflettu l-approċċ stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Għajnuna Statali fir-rigward ta' approċċ ekonomiku aktar irfinat għall-analiżi tal-għajnuna mill-Istat u l-introduzzjoni ta' test tal-ibbilanċjar. Bħala riżultat, il-Linji Gwida jipprovdu regoli taħt liema l-Kummissjoni se twettaq jew evalwazzjoni standard (fejn l-għajnuna mill-istat tista' tinstab

[17] Linji Gwida għall-Għajnuna Statali fis-Settur tal-Agrikoltura u l-Forestrija 2007-2013, ĠU C 319 tas-27.12.2006.

kompatibbli jew tissodisfa l-kriterji sempliċi stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Linji Gwida) jew evalwazzjoni dettaljata (kif stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Linji Gwida), li teħtieġ analiżi aktar dettaljata tal-miżuri u t-twettiq ta' test tal-ibbilanċjar fuq il-bażi ta' każ każ. Bħala prinċipju, il-Linji Gwida jipprovdu biex il-Kummissjoni tħares lejn l-effett tal-inċentiv, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri tal-għajnuna mill-Istat fil-qasam ambjentali.

**Tabella 4. Limiti li jwasslu għal evalwazzjoni dettaljata skont il-Linji Gwida***

| Tip ta' miżura | Evalwazzjoni standard | Evalwazzjoni dettaljata |
|---|---|---|
| Għall-miżuri koperti mill-GBER | Iva (jekk il-kundizzjonijiet tal-GBER ma jkunux sodisfatti) | Il-miżuri kollha bi dmir li jinnotifikaw b'mod individwali skont il-GBER |
| Għall-għajnuna kollha tal-investiment (bla konsiderazzjoni lejn it-tip) | Iva | 7.5 m EUR kull impriża |
| Għajnuna operattiva għall-konservazzjoni tal-enerġija | Iva | 5 m EUR kull impriża għal 5 snin |
| Għajnuna operattiva għall-produzzjoni ta' elettriku li jiġġedded u/jew produzzjoni kkombinata ta' sħana li tiġġedded | Iva | Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku li jiġġedded li tirriżulta teċċedi l-125 MW |
| Għajnuna operattiva għall-produzzjoni ta' bijofjuwil | Iva | Il-kapaċità tal-produzzjoni li tirriżulta teċċedi l-150 000 t kull sena |
| Għajnuna operattiva għall-koġenerazzjoni | Iva | Il-kapaċità tal-elettriku b'koġenerazzjoni li tirriżulta teċċedi l-200 MW |
| Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali | Iva | Le |

*Il-miżuri l-oħra kollha tal-għajnuna ambjentali pprovduti fil-Linji Gwida u mhux elenkati fit-tabella t'hawn fuq huma suġġetti biss għall-evalwazzjoni standard.

## *Miżuri ta' għajnuna*

**L-għajnuna għall-investiment għal impriżi li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza ta' standards Komunitarji**

- **L-ispejjeż eliġibbli: Strettament limitati għall-ispejjeż żejda tal-investiment meħtieġa sabiex jinkiseb livell ta' ħarsien ambjentali ogħla. Il-benefiċċji/spejjeż operattivi jitqiesu għal 5 snin. L-investimenti eliġibbli jistgħu jsiru fl-art, il-bini, it-tagħmir tal-impjanti u t-trasferiment teknoloġiku. L-għajnuna ma tistax tingħata biex jinkisbu standards li ġew adottati imma li għadhom mhumiex fis-seħħ.**

**L-għajnuna għall-investiment għall-akkwist ta' vetturi ġodda għat-trasport li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza ta' standards Komunitarji**

- **L-ispejjeż eliġibbli: Strettament limitati għall-ispejjeż żejda tal-investiment meħtieġa sabiex jinkiseb livell ta' ħarsien ambjentali ogħla. Il-benefiċċji/spejjeż operattivi jitqiesu għal 5 snin. L-għajnuna għall-akkwist ta' vetturi ġodda għat-trasport tat-**

**toroq, il-linji tal-ferrovija, il-kanali tal-ilma interni u t-trasport marittimu li huma konformi mal-istandards Komunitarji li għadhom mhumiex fis-seħħ, jekk l-istandards il-ġodda ma japplikawx b'lura. L-għajnuna tista' tingħata wkoll għall-adattament ta' mezzi eżistenti tat-trasport.**

**L-għajnuna għall-investiment għal adattament bikri għall-istandards Komunitarji**

- **L-ispejjeż eliġibbli: Strettament limitati għall-ispejjeż żejda meħtieġa sabiex jinkiseb livell ta' ħarsien ambjentali ogħla. Il-benefiċċji/spejjeż operattivi jitqiesu għal 5 snin. L-investimenti eliġibbli jistgħu jsiru fl-art, il-bini, it-tagħmir tal-impjenti u t-trasferiment teknoloġiku. L-għajnuna hija permessa jekk l-adattament iseħħ mill-inqas sena qabel ma jidħol fis-seħħ l-istandard Komunitarju.**

**L-għajnuna għall-konservazzjoni tal-enerġija**

*L-għajnuna għall-investiment*

- L-ispejjeż eliġibbli: Strettament limitati għall-ispejjeż żejda relatati direttament mal-konservazzjoni tal-enerġija u ma' livell ta' konservazzjoni tal-enerġija ogħla mill-istandards Komunitarji huma t-tnejn identifikati. Barra minn hekk, il-benefiċċji u l-ispejjeż operattivi li jirriżultaw matul l-ewwel tliet snin tal-ħajja tal-investiment (għal SMEs), l-ewwel erba' snin (għal impriżi kbar barra mill-UE $CO_2$ ETS (Skema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet)) jew l-ewwel ħames snin (għal impriżi kbar li huma parti mill-UE $CO_2$ ETS) jitnaqqsu u jiżdiedu rispettivament. L-investimenti eliġibbli jistgħu jsiru fl-art, fil-bini, fit-tagħmir tal-impjanti u t-trasferiment teknoloġiku.

*L-għajnuna operattiva*

- **L-għajnuna hija llimitata biex tikkumpensa l-ispejjeż netti ta' produzzjoni filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji li jirriżultaw mill-konservazzjoni tal-enerġija. L-għajnuna tal-investiment li tingħata titnaqqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni. Hija llimitata għal ħames snin**.

**L-għajnuna għal sorsi ta' enerġija li tiġġedded**

*L-għajnuna għall-investiment*

- L-ispejjeż eliġibbli: Strettament limitati għall-ispejjeż żejda tal-investiment imħallsa mill-benefiċjarju meta mqabbla ma' impjant tal-enerġija konvenzjonali jew ma' sistema ta' tisħin konvenzjonali bl-istess kapaċità. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu kkalkulati bħala nett ta' kwalunkwe benefiċċji u spejjeż operattivi li jirriżultaw matul l-ewwel ħames snin tat-tul ta' żmien ta' dan l-investiment. L-investimenti eliġibbli jistgħu jsiru fl-art, fil-bini, fit-tagħmir tal-impjanti u t-trasferiment teknoloġiku.
- L-għajnuna għall-bijofjuwils hija permessa biss fir-rigward ta' bijofjuwils sostenibbli.

*L-għajnuna operattiva*

- Biex tkopri d-differenza bejn l-ispiża tal-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u l-prezz fis-suq tal-forma ta' dik l-enerġija konċernata.

**L-għajnuna għall-koġenerazzjoni**

*L-għajnuna għall-investiment*

- L-ispejjeż eliġibbli: limitati għall-ispejjeż żejda tal-investiment meħtieġa sabiex isir impjant ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja meta mqabbla mal-investiment ta' referenza. Għandhom ikunu kkalkulati bħala nett ta' kwalunkwe benefiċċji u spejjeż operattivi li jirriżultaw matul l-ewwel ħames snin tat-tul ta' żmien ta' dan l-investiment. L-investimenti eliġibbli jistgħu jsiru fl-art, fil-bini, fit-tagħmir tal-impjanti u t-trasferiment teknoloġiku.

*L-għajnuna operattiva*

- Japplikaw l-istess regoli bħal fil-każ tal-enerġija li tiġġedded. Stallazzjonijiet eliġibbli: l-impriżi li jiddistribwixxu l-enerġija elettrika u s-sħana lill-pubbliku fejn l-ispejjeż tal-produzzjoni jaqbżu l-prezz tas-suq. Għall-użu industrijali biss fejn jista' jiġi muri illi l-ispiża tal-produzzjoni ta' unità waħda ta' enerġija bl-użu ta' dik it-teknika taqbeż il-prezz tas-suq ta' unità waħda tal-enerġija konvenzjonali.

**L-għajnuna għall-investiment fit-tisħin distrettwali b'effiċjenza fl-użu tal-enerġija**

- L-ispejjeż eliġibbli: Strettament limitati għall-ispejjeż żejda tal-investiment imħallsa mill-benefiċjarju meta mqabbla ma' sistema ta' tisħin konvenzjonali bl-istess kapaċità. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu kkalkulati bħala nett ta' kwalunkwe benefiċċji u spejjeż operattivi li jirriżultaw matul l-ewwel ħames snin tat-tul ta' żmien ta' dan l-investiment. L-investimenti eliġibbli jistgħu jsiru fl-art, fil-bini, fit-tagħmir tal-impjanti u t-trasferiment teknoloġiku.

**L-għajnuna għall-immaniġġjar tal-iskart**

- L-ispejjeż eliġibbli: limitati għall-ispejjeż żejda tal-investiment meħtieġa sabiex isir investiment li jwassal għall-immaniġġjar tal-iskart u li huma mħallsa mill-benefiċjarju meta mqabbla mal-investiment ta' referenza. Għandhom ikunu kkalkulati bħala nett ta' kwalunkwe benefiċċji operattivi u tal-ispejjeż li jirriżultaw matul l-ewwel ħames snin tat-tul ta' żmien ta' dan l-investiment.
- Tinkludi taħt ċerti kundizzjonijiet attivitajiet ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru. Immirata sabiex jitnaqqas it-tniġġis maħluq minn impriżi oħra. Ma testendix għat-tniġġis maħluq mill-benefiċjarju tal-għajnuna.

**L-għajnuna għar-rijabilitazzjoni ta' siti kontaminati**

- Jekk il-persuna responsabbli għat-tniġġis ma tkunx ġiet identifikata jew ma tkunx tista' tagħmel tajjeb għall-ispiża, il-persuna responsabbli għar-rijabilitazzjoni tal-art tista' tirċievi l-għajnuna. Min iniġġes huwa ddefinit bħala l-persuna responsabbli għat-tniġġis skont il-liġi applikabbli f'kull Stat Membru.
- L-ispejjeż eliġibbli huma ekwivalenti għall-ispiża tax-xogħol ta' rijabilitazzjoni li minnha tiġi mnaqqsa ż-żieda fil-valur tal-art.

**L-għajnuna għar-rilokazzjoni tal-impriżi**

- L-għajnuna għar-rilokazzjoni ta' ċerti impriżi għal siti ġodda tista' tingħata biss jekk il-bidla fil-post tkun ġiet dettata għal raġunijiet ta' ħarsien ambjentali u jekk tkun ġiet ordnata b'deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja jew miftiehma bejn l-impriża u l-awtorità pubblika kompetenti. Barra minn hekk, il-kumpanija li qed tiġi rilokata trid tikkonforma mal-istandards ambjentali l-aktar stretti applikabbli fil-post il-ġdid tagħha.
- L-ispejjeż eliġibbli għandhom jiġu llimitati għall-ispejjeż netti tar-rilokazzjoni. Il-

Kummissjoni se tqis il-benefiċċji (jiġifieri d-dħul mill-bejgħ jew kiri tal-impjant abbandunat, il-kumpens fil-każ ta' esproprjazzjoni) u l-ispejjeż (xiri ta' art, il-kostruzzjoni jew xiri ta' impjant ġdid, penalitajiet kuntrattwali).

**L-għajnuna involuta fl-iskemi ta' permessi negozzjabbli**

- L-għajnuna tista' tkun kompatibbli biss jekk l-iskemi jiġu stabbiliti sabiex jinkisbu għanijiet ambjentali lil hinn mill-istandards mandatorji tal-Komunità, jekk ikun hemm allokazzjoni trasparenti u oġġettiva, jekk l-ammont totali ta' permessi jew benefiċċji taħt il-valur tas-suq għal kull impriża ma jaqbiżx il-ħtiġiet tagħha, jekk ma jiġux iffavoriti parteċipanti ġodda u ma jkunx hemm ostakli indebiti għad-dħul fis-suq.
- Se tiġi evalwata l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajnuna mill-Istat. Mingħajr l-għajnuna (jiġifieri irkant bis-sħiħ) l-iskema ta' permess għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni li ma jistgħux jitħallsu mill-klijenti mingħajr ma jkun hemm tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ u mhuwiex possibbli li jitnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet sabiex il-prezz tal-permessi jkun raġunevoli.
- It-test tal-ħtieġa u l-propozjonalità ma ġiex meqjus għall-allokazzjonijiet relatati mal-perjodu kumerċjali għall-UE $CO_2$ ETS (Skema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet) li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2012.

**L-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali**

- Permessa jekk tikkontribbwixxi għall-inqas indirettament għal titjib fil-livell ta' ħarsien ambjentali u t-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet ma jimminawx l-għan ġenerali mfittex mit-taxxa.
- *It-taxxi armonizzati:* l-għajnuna kompatibbli għal 10 snin jekk il-benefiċjarji jħallsu mill-inqas il-minimu Komunitarju u jekk it-tnaqqis u l-eżenzjoni jkun kompatibbli mal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti.
- *It-taxxi mhux armonizzati u t-taxxi armonizzati jekk it-taxxa mħallsa tkun taħt il-minimu Komunitarju:* **Kull eżenzjoni jew tnaqqis tat-taxxa trid tkun meħtieġa u proporzjonali:**
  *Il-ħtieġa tal-għajnuna:* l-għażla tal-benefiċjarju ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, it-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni li ma jistgħux jitħallsu mill-klijenti mingħajr ma jkun hemm tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ.
  *Il-proporzjonalità tal-għajnuna*: kull individwu jħallas proporzjon tat-taxxa nazzjonali skont il-prestazzjoni tiegħu fir-rigward tat-teknika bl-aħjar prestazzjoni fi ħdan iż-ŻEE jew 20% tal-livell nazzjonali (sakemm dan tal-aħħar ma jkunx iġġustifikat minħabba f'distorzjoni limitata tal-kompetizzjoni) jew il-konklużjoni ta' ftehim ambjentali bejn l-Istat Membru u l-impriżi li jirċievu.

## *Il-prinċipju għall-kalkolu tal-ispejjeż żejda tal-investiment*

L-ispejjeż żejda tal-investiment jiġu kkalkolati f'żewġ fażijiet:

- L-ispiża tal-investiment stabbilita b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali fl-assenza tal-għajnuna mill-Istat. Ix-xenarju kontrofattwali jrid ikun kredibbli u għall-inqas jissodisfa l-istandards Komunitarji applikabbli.

- Kwalunkwe benefiċċju operattiv li jirriżulta matul il-perjodu taż-żmien stabbilit

(normalment ħames snin) tat-tul ta' żmien tal-investiment irid jitnaqqas u jiżdiedu l-ispejjeż operattivi korrispondenti.

## *L-għajnuna massima*

**Tabella 5. Deskrizzjoni ġenerali tal-intensitajiet massimi tal-għajnuna bħala persentaġġ tal-ispejjeż eliġibbli.**

| It-Tip ta' miżura għall-għajnuna | L-għajnuna tal-investiment | L-għajnuna operattiva |
|---|---|---|
| (a) L-għajnuna għall-investiment għal intrapriżi li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza ta' standards Komunitarji<br><br>u<br><br>(b) l-akkwist ta' vetturi ġodda għat-trasport li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza ta' standards Komunitarji | Intrapriża żgħira 70%<br>Intrapriża ta' daqs medju: 60%<br>Intrapriża kbira: 50%<br><br>Is-sejħa għall-offerti: 100%<br><br>Il-bonus tal-ekoinnovazzjoni: +10% | |
| (c) L-għajnuna għall-investiment għal adattament bikri għall-istandards Komunitarji futuri | Aktar minn 3 snin bil-quddiem:<br>intrapriża żgħira: 25%<br>intrapriża ta' daqs medju: 20%<br>intrapriża kbira: 15%<br><br>Bejn 1 u 3 snin bil-quddiem:<br>intrapriża żgħira: 20%<br>intrapriża ta' daqs medju: 15%<br>intrapriża kbira: 10% | |
| (d) L-għajnuna għall-istudji ambjentali | Intrapriża żgħira: 70%<br>intrapriża ta' daqs medju: 60%<br>intrapriża kbira: 50% | |
| (e) L-għajnuna għall-konservazzjoni tal-enerġija | intrapriża żgħira: 80%<br>intrapriża ta' daqs medju: 70%<br>intrapriża kbira: 60% | 100% tal-ispejjeż żejda bi tnaqqis lineari sa 0 fuq 5 snin<br>JEW<br>50% ta-ispejjeż żejda għal 5 snin |
| (f) L-għajnuna għal sorsi ta' enerġija li tiġġedded | intrapriża żgħira: 80%<br>intrapriża ta' daqs medju: 70%<br>intrapriża kbira: 60%<br><br>is-sejħa għall-offerti: 100% | Id-differenza ta' kumpens bejn l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-prezz tas-suq<br>JEW<br>100% tal-ispejjeż żejda bi tnaqqis lineari sa 0 fuq 5 snin<br>JEW<br>50% tal-ispejje¿ ¿ejda għal 5 snin |
| (g) L-għajnuna għall-koġenerazzjoni | intrapriża żgħira: 80%<br>intrapriża ta' daqs medju: 70%<br>intrapriża kbira: 60%<br><br>is-sejħa għall-offerti: 100% | Japplikaw ir-regoli għal sorsi li jiġġeddu |

| It-Tip ta’ miżura għall-għajnuna | L-għajnuna tal-investiment | L-għajnuna operattiva |
|---|---|---|
| (h) L-għajnuna għat-tisħin distrettwali b’effiċjenza fl-użu tal-enerġija | intrapriża żgħira: 70%<br>intrapriża ta’ daqs medju: 60%<br>intrapriża kbira: 50%<br><br>tender: 100% | |
| (i) L-għajnuna għall-immaniġġjar tal-iskart | intrapriża żgħira: 70%<br>intrapriża ta’ daqs medju: 60%<br>intrapriża kbira: 50% | |
| (j) L-għajnuna għar-rijabilitazzjoni ta’ siti kontaminati | 100% tal-ispejjeż eliġibbli | |
| (k) L-għajnuna għar-rilokazzjoni tal-impriżi | intrapriża żgħira: 70%<br>intrapriża ta’ daqs medju: 60%<br>intrapriża kbira: 50% | |

## *Notifika*

Il-GBER introduċa kategoriji ġodda tal-għajnuna ambjentali li huma eżentati mir-rekwiżit ta’ notifika. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti fil-GBER (inklużi l-intensitajiet speċjali tal-għajnuna), f’xi każijiet, l-għajnuna għall-investiment li tippermetti li l-impriżi imorru lil hinn mill-istandards Komunitarji għall-ħarsien ambjentali jew li jżidu l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza tal-istandards Komunitarji; l-għajnuna għall-akkwist ta’ vetturi ġodda tat-trasport li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji jew li jżidu l-livell tal-ħarsien ambjentali fl-assenza tal-istandards Komunitarji; l-għajnuna għall-adattament bikri għall-istandards Komunitarji futuri għall-SMEs; l-għajnuna għall-investiment għall-miżuri ta’ konservazzjoni tal-enerġija; għajnuna għall-investiment għall-koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja; l-għajnuna għall-investiment għall-promozzjoni ta’ enerġija minn sorsi tal-enerġija li tiġġedded; l-għajnuna għall-istudji ambjentali; u l-għajnuna fil-forma ta’ tnaqqis mit-taxxi ambjentali m’għandhomx għalfejn ikunu notifikati.

Madankollu, kull għajnuna ta’ dan it-tip jeħtieġ tiġi notifikata jekk teċċedi l-limiti individwali ta’ notifika ta’ EUR 7.5 miljun għal kull impriża għal kull proġett ta’ investiment. Bl-istess mod, jekk il-kundizzjonijiet tal-GBER ma jkunux sodisfatti, l-għajnuna jkun jeħtieġ ukoll tiġi notifikata u tkun evalwata skont il-bażi tal-Linji Gwida.

# Skeda 3 L-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor il-"Qafas Komunitarju għall-għajnuna Statali għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni" (Ġurnal Uffiċjali C 323 tat-30.12.2006, p. 1) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser jissejjaħ "Qafas"). Tinkludi wkoll informazzjoni fuq l-applikazzjoni tal-GBER għall-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

## *L-ambitu*

Il-Qafas ikopri l-miżuri kollha li taħthom tingħata l-għajnuna Statali għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni tal-kumpaniji.

**L-appoġġ R&D&I li ma jitqiesx bħala li jikkostitwixxi għajnuna Statali:**

- Finanzjament pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi ta' R&D&I minn organizzazzjonijiet ta' riċerka;
- R&D ikkummissjonati mingħand ditti minn awtoritajiet skont il-kundizzjonijiet tas-suq (proċedura miftuħa għal sejħa għall-offerti).

**Is-setturi li għalihom japplikaw regoli speċjali:**

- It-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz ta' passaġġ tal-ilma intern
- L-agrikoltura u s-sajd: intensità massima ta' għajnuna ta' 100% fil-każijiet kollha (suġġetta għal kundizzjonijiet)

## *Il-kunċetti*

**Riċerka fundamentali:** Ħidma sperimentali jew teoretika li ssir primarjament biex jinkiseb għarfien ġdid tal-fondazzjonijiet sottostanti ta' fenomeni u ta' fatti li jistgħu jiġu osservati, mingħajr l-ebda applikazzjoni diretta prattika jew użu maħsub;

**Riċerka industrijali: Riċerka jew investigazzjoni kritika ppjanata bil-għan li jinkiseb għarfien ġdid jew ħiliet ġodda** għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda, jew sabiex ikun hemm titjib sinifikanti fi prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti;

**Żvilupp sperimentali:** Il-kisba, l-għaqda, it-tiswir u l-użu ta' għarfien u ta' ħiliet rilevanti xjentifiċi, teknoloġiċi, kummerċjali u oħrajn sabiex ikunu prodotti pjani u arranġamenti jew disinni għal prodotti, proċessi jew servizzi ġodda, mibdula jew imtejba (inkluż il-ħolqien ta' prototip jew proġetti bi prova li, f'ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jintużaw kummerċjalment).

## *Il-miżuri ta' għajnuna*

Il-miżuri li ġejjin jiġu rikonoxxuti taħt il-Qafas bħala eliġibbli għall-kompatibilità skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat:

- Għajnuna għal proġetti ta' R&D;
- Għajnuna għall-istudji ta' fattibbiltà teknika;
- Għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs;
- Għajnuna għall-impriżi innovattivi li għadhom kemm jibdew;
- Għajnuna għall-innovazzjoni ta' proċessi u ta' organizzazzjoni fis-servizzi;

- Għajnuna għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni;
- Għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għoljin; u
- Għajnuna għar-raggruppamenti ta' innovazzjoni.

## *L-ispejjeż eliġibbli*

L-ispejjeż eliġibbli jiddependu fuq it-tip ta' miżura proposta u ġew stabbiliti fis-Sezzjonijiet rilevanti tal-Qafas. Bħala eżempju, it-tipi li ġejjin jikkwalifikaw bħala spejjeż eliġibbli għall-*Għajnuna għall-proġetti ta' R&D* (jiġifieri l-ewwel kategorija ta' għajnuna msemmija aktar 'il fuq):

- Spejjeż tal-persunal tal-istaff safejn jintużaw fl-attività ta' riċerka;
- Spejjeż ta' strumenti, tagħmir u art u bini u għall-perjodu użat għall-proġett ta' riċerka (suġġetti għal deprezzament skont kif japplika);
- Spiża ta' riċerka kuntrattwali, għarfien tekniku u brevetti miġjuba jew liċenzjati minn sorsi barranin bi prezz tas-suq;
- Spiża ta' konsulenza esterna u ta' servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett;
- Spejjeż ġenerali addizzjonali li saru direttament bħala riżultat tar-riċerka;
- Nfiq operattiv ieħor li sar direttament bħala riżultat tal-attività ta' riċerka.

## *L-intensitajiet tal-għajnuna*

Bl-istess mod bħal fil-każ tal-ispejjeż eliġibbli, l-intensitajiet tal-għajnuna jvarjaw skont il-miżura konċernata. Bħala eżempju, it-tabella li ġejja turi l-intensitajiet tal-għajnuna li japplikaw għall-ewel tip ta' miżura ta' għajnuna - *għajnuna għall-proġetti ta' R&D:*:

**Tabella 6. Intensitajiet tal-għajnuna għal għajnuna għall-proġetti ta' R&D**

| Tip ta' R&D | Impriża żgħira | Impriża ta' daqs medju | Impriża kbira |
|---|---|---|---|
| **Riċerka fundamentali** | 100% | 100% | 100% |
| **Riċerka industrijali** | 70% | 60% | 50% |
| **Riċerka industrijali suġġetta għal:**<br>kollaborazzjoni bejn l-impriżi; għal impriżi kbar: transkonfinali jew għall-inqas ma' SME waħda jew<br>kollaborazzjoni ta' impriża ma' organizzazzjoni ta' riċerka jew<br>tixrid ta' riżultati | 80% | 75% | 65% |
| **Żvilupp sperimentali** | 45% | 35% | 25% |
| **Żvilupp sperimentali suġġett għal:**<br>kollaborazzjoni bejn impriżi; għal impriżi kbar: transkonfinali jew għall-inqas ma' SME waħda jew<br>kollaborazzjoni ta' impriża ma' organizzazzjoni ta' riċerka | 60% | 50% | 40% |

## *Kundizzjonijiet speċjali*

Il-Qafas jipprovdi għal tliet tipi ta' valutazzjoni fuq il-bażi ta' test ta' bilanċ tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna:

(i) *valutazzjoni standard* – jekk il-proġett jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu 5

tal-Qafas, wieħed jassumi li t-test ta' bilanċ għandu jkun pożittiv. Il-miżuri li ġejjin jaqgħu f'din il-kategorija (sakemm l-għajnuna tingħata biss b'applikazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali):

- għajnuna għal proġetti u studji dwar il-fattibbiltà jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa SME u l-ammont tal-għajnuna huwa inqas minn EUR 7,5 miljuni għal kull SME għal proġett;
- għajnuna għal drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs;
- għajnuna għall-impriżi innovattivi li għadhom jibdew;
- għajnuna għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni;
- għajnuna għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni; u
- għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għoljin.

(ii) *valutazzjoni standard* kif ukoll *turija* tal-effett ta' inċentiv u l-ħtieġa – skont il-Kapitoli 5 u 6 tal-Qafas: għall-għajnuna kollha notifikata li taqa' **taħt** il-limiti għall-valutazzjoni dettaljata (imsemmija aktar 'l isfel) **u** li ma taqax f'waħda mill-kategoriji tal-valutazzjoni standard biss taħt il-Kapitolu 5 (li għaliha l-effett ta' inċentiv huwa preżunt).

(iii) *valutazzjoni dettaljata* – minħabba riskju akbar ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, Il-Kummissjoni ser twettaq valutazzjoni dettaljata għall-miżuri fejn l-ammont jeċċedi:

għal għajnuna għal proġetti u studji ta' fattibbiltà:
jekk proġett huwa b'mod predominanti riċerka fundamentali, EUR 20 miljun;
jekk proġett huwa b'mod predominanti riċerka industrijali, EUR 10 miljun;
għall-proġetti l-oħra kollha: EUR 7.5 miljun;
għal innovazzjoni ta' proċess jew ta' organizzazzjoni f'attivitajiet ta' servizzi, EUR 5 miljun.
għal raggruppamenti ta' innovazzjoni, EUR 5 miljun.

Għal kull skeda ta' għajnuna, jinħtieġ rapport annwali dwar l-implimentazzjoni.

**Tabella 7. Kategoriji tal-miżuri tal-għajnuna, limiti massimi rilevanti tal-għajnuna applikabbli skont il-GBER u l-limiti li jwasslu għall-valutazzjoni dettaljata skont il-Qafas**

| Mi¿ura għall-għajnuna | Ammont massimu tal-għajnuna permess skont il-GBER | Valutazzjoni Standard (Qafas) | Valutazzjoni Dettaljata[18] (Qafas) |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għal proġetti u studji dwar il-fattibbiltà | *riċerka fundamentali*: 20 m EUR *riċerka industrijali*: 10 m EUR *oħrajn*: 7.5 m EUR kull impriża kull proġett<br><br>*2x jekk EUREKA*[19] | Iva (jekk il-kundizzjonijiet tal-GBER ma jkunux sodisfatti) | *riċerka fundamentali*: 20 m EUR *riċerka industrijali*: 10 m EUR *oħrajn*: 7.5 m EUR kull impriża kull proġett<br><br>2x jekk EUREKA |

[18] Il-każijiet kollha notifikati lill-Kummissjoni skont dmir ta' notifika individwali preskritta mill-GBER huma wkoll suġġetti għal valutazzjoni dettaljata.
[19] Eureka hija netwerk pan-Ewropeja għar-riċerka u l-iżvilupp industrijali orjentata lejn is-suq

| Mi¿ura għall-għajnuna | Ammont massimu tal-għajnuna permess skont il-GBER | Valutazzjoni Standard (Qafas) | Valutazzjoni Dettaljata[18] (Qafas) |
|---|---|---|---|
| L-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs | 5 m EUR kull impriża kull proġett | Iva | Le |
| Intrapriżi innovattivi li għadhom kemm jibdew | 1 m EUR | Iva | Le |
| Servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni | EUR 200 000 kull impri¿a kull tliet snin | Iva | Le |
| Self ta' persunal bi kwalifiki għoljin | 50% tal-ispejjeż eliġibbli għal tliet snin kull impriża kull persuna mislufa | Iva | Le |
| Innovazzjoni ta' proċess jew ta' organizzazzjoni | Mhux inklu¿ fil-GBER | Iva | Fis-servizzi: 5 m EUR kull proġett kull impri¿a |
| Raggruppamenti ta' innovazzjoni | Mhux inkluż fil-GBER | Iva | 5 m EUR kull raggruppament |

## *Notifika*

Il-GBER introduċa kategoriji ġodda ta' għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni li huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet li ġew stabbiliti fil-GBER (inklużi l-intensitajiet għall-għajnuna speċjali), f'ċerti każijiet, l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-għajnuna għall-istudji ta' fattibbiltà teknika, l-għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs, l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd, l-għajnuna għall-impriżi innovattivi li għadhom kemm jiftħu, l-għajnuna għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni u għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għoljin m'għandhomx għalfejn ikunu notifikati.

Madankollu, għajnuna ta' dan it-tip jeħtieġ dejjem tiġi notifikata jekk il-limiti individwali ta' notifika jkunu eċċeduti kif speċifikat fit-tabella t'hawn fuq.

Bl-istess mod, jekk il-kundizzjonijiet tal-GBER ma jkunux sodisfatti, l-għajnuna jeħtieġ tkun notifikata wkoll u tkun valutata fuq il-bażi tal-Qafas

# Skeda 4 L-għajnuna reġjonali

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor:

- Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Nazzjonali Reġjonali għall-2007-2013 (Ġurnal Uffiċjali C 54, 4.3.2006, p.13) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser jissejħu l-"Linji Gwida").
- l-applikazzjoni tal-GBER għall-investiment reġjonali u l-għajnuna għall-impjiegi u l-għajnuna għall-intrapriżi li għadhom jibdew.

## *L-għan*

Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' reġjuni inqas favoriti:

- b'appoġġ għal investiment inizjali u l-investiment u l-impjiegi marbuta mal-investiment inizjali u l-intrapriżi żgħar li għadhom jibdew jew
- f'każijiet eċċezzjonali, billi tingħata għajnuna operattiva.

## *L-ambitu*

Il-Linji Gwida jkopru għajnuna għall-investiment, għajnuna għall-intrapriżi li għadhom jibdew u għajnuna operattiva lil stabbilimenti li jinsabu f'reġjuni eliġibbli għall-għajnuna reġjonali (ara aktar 'l isfel).

Il-Linji Gwida ma japplikawx għall-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat. Ġeneralment japplikaw għall-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli[20]. Madankollu, huma ma japplikawx għas-settur tas-sajd u lanqas għall-industrija tal-faħam.

Japplikaw regoli speċjali għal:

- transport u bini ta' bastimenti;
- l-ebda għajnuna reġjonali mhi permessa għall-industrija tal-azzar jew tal-fibri sintetiċi;
- proġetti kbar ta' investiment (ara "il-kunċetti").

## *Kundizzjonijiet prinċipali*

Sabiex ikun eliġibbli għall-għajnuna skont il-Linji Gwida, il-proġett għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet prinċipali li ġejjin:

- assi ġodda (minbarra għall-SMEs);
- manutenzjoni tal-investiment fir-reġjun għal perjodu minimu ta' mill-inqas 5 snin (3 snin għall-SMEs) wara t-tkomplija tiegħu;
- kontribuzzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju ta' mill-inqas 25% tal-ispejjeż eliġibbli.

## *Il-kunċetti*

Wieħed jista' jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' reġjuni eliġibbli:

- *Ir-reġjuni tal-Artikolu 87(3)(a)*: Dawn huma reġjuni fejn l-istandard tal-għajxien huwa

[20] Ara wkoll Linji Gwida Komunitarji fis-Settur tal-Agrikoltura u l-Forestrija 2007 – 2013 (ĠU C 319 tas-27.12.2006)

baxx b'mod anormali jew fejn hemm qgħad kbir (ir-reġjuni NUTS II b'PGD/*cap* ta' inqas minn 75% mill-medja tal-UE).

- *Ir-reġjuni tal-Artikolu 87(3)(c)*: Dawn huma żoni bi problemi li ġew iddefiniti fuq il-bażi ta' indikaturi (nazzjonali) proposti mill-Istati Membri, suġġetti għal kopertura massima ta' popolazzjoni u għal xi kundizzjonijiet minimi sabiex ikun ipprevenut l-abbuż.

**Investiment inizjali:** investiment f'assi materjali u immaterjali li jkunu relatati mat-twaqqif ta' stabbiliment ġdid, mal-estensjoni ta' stabbiliment eżistenti, mad-diversifikazzjoni tal-produzzjoni ta' stabbiliment fi prodotti ġodda addizzjonali, jew ma' bidla fundamentali fil-proċess kollu ta' produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti;

**Ħolqien tal-impjiegi marbut mal-investiment:** żieda netta tal-impjiegi maħluqa fi żmien 3 snin mit-tkomplija tal-investiment.

**L-għajnuna operattiva:** Għajnuna mmirata biex titnaqqas in-nefqa kurrenti ta' ditta (eż. spejjeż ta' salarji, spejjeż ta' trasport, kirjiet).

**Proġett kbir ta' investiment**: proġett ta' investiment inizjali bi spejjeż ta' investiment eliġibbli li huma mill-inqas EUR 50 miljun fil-valur preżenti (l-ispejjeż ta' investiment eliġibbli jiġu definiti aktar 'l isfel).

**LIP notifikabbli b'mod individwali**: huwa proġett kbir ta' investiment fejn l-ammont totali tal-għajnuna mis-sorsi kollha jeċċedi l-75% tal-ammont massimu tal-għajnuna li investiment b'infiq eliġibbli ta' EUR 100 miljun jista' jirċievi fir-reġjun konċernat. **L-Istati Membri huma meħtieġa li jinnotifikaw b'mod individwali l-każi kollha li jeċċedu dak l-ammont tal-għajnuna**.

**L-għotja grossa ekwivalenti (GGE):** il-valur nominali tal-għajnuna skontata għall-valur tagħha fid-data li tingħata l-għajnuna.

**L-intensità tal-għajnuna:** il-GGE espress bħala perċentwal tal-ispiża eliġibbli totali tal-proġett.

## L-għajnuna għal investiment inizjali

**Spejjeż eliġibbli:** L-għajnuna għal investiment inizjali tista' tiġi kkalkulata bħala perċentwal tal-valur tal-investiment jew bħala perċentwal tal-ispiża tal-pagi tal-impjiegi marbuta mal-investiment inizjali.

- L-investiment: investiment materjali (art, bini, impjant/makkinarju) u ammont limitat ta' investiment immaterjali (in-nefqa involuta fit-trasferiment tat-teknoloġija). In-nefqa fuq it-tagħmir tat-trasport fis-settur tat-trasport mhux eliġibbli.
- L-ispiża tal-pagi: l-ispejjeż grossi mistennija tal-pagi u l-kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali, ikkalkulati fuq perjodu ta' sentejn, immultiplikata bin-numru ta' impjiegi maħluqa (il-ħolqien nett ta' impjiegi fl-istabbiliment ikkonċernat).

### *L-intensitajiet massimi tal-għajnuna*

**Tabella 8. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna**

| PGD reġjonali bħala % tal-PGD tal-UE-25 | Rati massimi ta' għajnuna għal kumpaniji kbar | Rati ta' għajnuna fir-reġjuni l-aktar imbiegħda |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| > 75% | 15% - 10% | 40% |
| <75% | 30% | 50% |
| <60% | 40% | 60% |
| <45% | 50% | m/a |

Dawk li jissejħu 'reġjuni b'effett statistiku' – li għandhom inqas minn 75% tal-PGD tal-UE-15 iżda aktar minn 75% tal-PGD tal-UE-25 (3.6% tal-popolazzjoni tal-UE-25) – ser jibbenefikaw mill-istat tranżitorju u ser jikkwalifikaw għall-aktar rati baxxi ta' għajnuna skont l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat, b'rata ta' għajnuna ta' 30% għal kumpaniji kbar sal-31.12.2010. Is-sitwazzjoni ta' dawn ir-reġjuni ser tiġi riveduta fl-2010. Jekk is-sitwazzjoni tagħhom tkun marret għall-agħar għal inqas minn 75% tal-medja UE-25, huma ser ikomplu jibbenefikaw mill-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat. Inkella, skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat, mill-1.1.2011, ser ikunu eliġibbli b'rata ta' għajnuna ta' 20%.

Iż-żoni eliġibbli ġew identifikati fil-mapep tal-għajnuna reġjonali għal kull Stat Membru li kienu ppubblikati fuq is-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni[21].

Sal-aħħar tal-2010, qed jiġu previsti arranġamenti tranżitorji għal reġjuni li jbatu mill-akbar tnaqqis fl-intensitajiet ta' għajnuna u, sal-aħħar tal-2008, għal reġjuni li jitilfu l-eliġibbiltà skont il-Linji Gwida l-ġodda. Dawn iż-żoni ġew ukoll identifikati fil-mapep.

**Għal investimenti kbar, il-limitu massimu ta' intenistà tal-għajnuna jitnaqqas kif ġej:**

- **Għall-parti tal-ispiża eliġibbli sa EUR 50 miljun, 100% tal-limitu massimu ta' għajnuna reġjonali applikabbli.**
- **Għall-parti tal-ispiża eliġibbli bejn EUR 50 miljun u EUR 100 miljun, l-intensità titnaqqas għal 50% tal-limitu massimu tal-għajnuna reġjonali.**
- **Għall-parti tal-ispiża eliġibbli li teċċedi EUR 100 miljun, l-intensità titnaqqas għal 34% tal-limitu massimu tal-għajnuna reġjonali.**
- **Eżempju: proġett kbir ta' investiment bi spejjeż eliġibbli ta' EUR 200 miljun u limitu massimu ta' għajnuna reġjonali applikabbli ta' 40% GGE jista' jikseb għajnuna massima ta' EUR 43.6 miljun :**

  **(i) Sa EUR 50 miljun: 100% tal-limitu massimu ta' għajnuna reġjonali applikabbli=> EUR 50 miljun x 40%; jiġifieri EUR 20 miljun;**

  **(ii) Għall-parti bejn EUR 50 miljun u EUR 100 miljun: 50% tal-limitu massimu ta' għajnuna reġjonali applikabbli => EUR 50 miljun x (40% x 50%); jiġifieri EUR 10 miljuni;**

  **(iii) Għall-parti li teċċedi EUR 100 miljun: 34% tal-limitu massimu ta' għajnuna reġjonali applikabbli => EUR 100 miljun x (40% x 34%); jiġifieri EUR 13.6 miljun;**

  **Għajnuna totali**=> (i)+(ii)+(iii) **=EUR 20 miljun + EUR 10 miljuni + EUR 13.6 miljun = EUR 43.6 miljun**

Il-punt 65 tal-Linji Gwida jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ex-post tal-għajnuna Statali mogħtija għal **proġetti kbar ta' investiment mhux notifikabbli**, imsejjaħ ukoll il-**'mekkaniżmu tat-trasparenza'**. Il-proġetti kbar ta' investiment mhux notifikabbli huma proġetti li għalihom l-ammont tal-għajnuna ma jeċċedix il-limitu massimu tan-notifika,

[21] http://ec.europa.eu/competition/state_aid/regional_aid/regional_aid.cfm

jiġifieri 75% tal-ammont massimu tal-għajnuna li investiment b'infiq eliġibbli ta' EUR 100 miljun jista' jirċievi, bl-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-għajnuna standard fis-seħħ għall-intrapriżi l-kbar fil-mappa approvata tal-għajnuna reġjonali fid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

Skont il-mekkaniżmu tat-trasparenza, kull meta tingħata l-għajnuna reġjonali fuq il-bażi tal-iskemi eżistenti tal-għajnuna[22] għall-proġetti kbar ta' investiment mhux notifikabbli, l-Istati Membri għandhom, fi żmien 20 jum ta' ħidma li jibdew minn meta tingħata l-għajnuna mill-awtorità kompetenti, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fil-formola standard stabbilita fil-Linji Gwida[23]. Informazzjoni sommarja imbagħad tiġi ppubblikata fis-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni[24].

**L-intensitajiet tal-għajnuna jistgħu jiġu miżjuda b'20 punt perċentwali fiż-żoni kollha mgħejjuna fejn l-għajnuna tingħata lil impriżi żgħar u b'10 punti perċentwali fejn tingħata lil impriżi ta' daqs medju. Madankollu, l-ebda bonus tal-SMEs ta' dan it-tip mhu permess għal proġetti kbar ta' investiment b'infiq eliġibbli ta' aktar minn EUR 50 miljun.**

### *L-akkumulazzjoni*

Għall-għajnuna totali japplikaw il-limiti massimi tal-intensità tal-għajnuna li ġew speċifikati fit-tabella t'aktar 'il fuq:

- Fejn l-għajnuna tingħata taħt diversi skemi ta' għajnuna reġjonali;
- Jekk l-għajnuna tkun ġejja minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji.

Fejn in-nefqa eliġibbli għall-għajnuna reġjonali tkun eliġibbli għal għajnuna għal skopijiet oħra (eż., R&D&I), din ser tkun suġġetta għall-aktar limitu massimu favorevoli taħt l-iskemi konċernati.

## L-għajnuna operattiva

### *Id-Dispożizzjonijiet ġenerali*

Minbarra ċerti eċċezzjonijiet, l-għajnuna operattiva tista' tingħata biss fir-reġjuni tal-Artikolu 87(3)(a), u biss jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfatti:

- Tkun iġġustifikata skont it-termini tal-kontribuzzjoni tagħha għall-iżvilupp reġjonali;
- Il-livell tagħha huwa proporzjonali għan-nuqqasijiet li qed tipprova ttaffi;
- Din hija limitata fiż-żmien u titnaqqas progressivament

L-Istati Membri jridu juru l-eżistenza u l-importanza ta' dawn in-nuqqasijiet.

**Għajnuna għat-trasport:** Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali tat-trasport tista' tkun provduta biss fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u f'żoni b'densità baxxa ta' popolazzjoni li jikkwalifikaw għall-għajnuna reġjonali.

[22] Għajnuna individwali mogħtija mhux fl-iskemi approvati (għajnuna *ad hoc*) trid tiġi dejjem notifikata lill-Kummissjoni.
[23] Il-formola standard għar-rappurtaġġ tinsab ukoll fil-format Excel fuq is-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/forms.cfm
[24] http://ec.europa.eu/competition

**Għajnuna biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-popolazzjoni: Għajnuna biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-popolazzjoni** tista' tingħata fuq bażi permanenti fir-reġjuni l-inqas popolati b'densità ta' popolazzjoni ta' inqas minn 8 abitanti/km².

**Għajnuna biex tikkumpensa n-nuqqasijiet tar-reġjuni l-aktar imbiegħda:** l-għajnuna tista' tingħata fuq bażi permanenti biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tar-reġjuni l-aktar imbiegħda (il-bgħid, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli, id-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti).

## *Għajnuna għal impriżi żgħar li għadhom kif ġew stabbiliti*

- Massimu ta' EUR 3 miljuni għal kull impriża fir-reġjuni tal-Artikolu 87(3)(a) u EUR 2 miljuni għal kull impriża fir-reġjuni tal-Artikolu 87(3)(c);
- bonus ta' 5% għar-reġjuni tal-Artikolu 87(3)(a) < 60% PGD tal-UE, ir-reġjuni b'densità ta' popolazzjoni baxxa u l-gżejjer żgħar b'popolazzjoni ta' inqas minn 5 000 u komunitajiet oħra tal-istess daqs li jsofru minn iżolazzjoni simili;
- Intensitajiet:

**Tabella 9. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna**

| | **Snin 1-3** | **Snin 4-5** |
|---|---|---|
| **Reġjuni tal-Artikolu 87(3)(a)** | **35%** | **25%** |
| **Reġjuni tal-Artikolu 87(3)(c)** | **25%** | **15%** |

## *Notifika*

Il-GBER jeżenta investiment reġjonali trasparenti u skemi ta' għajnuna għall-impjieg li jirrispettaw ir-regoli dwar l-infiq eliġibbli u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna definiti fil-Mappa tal-għajnuna Reġjonali għall-Istat Membru kkonċernat min-notifika lill-Kummissjoni. Minbarra proġetti kbar ta' investiment u għajnuna fis-settur tat-trasport, dawn l-intensitajiet tal-għajnuna jistgħu jiżdiedu b'20 punt perċentwali għal intrapriżi żgħar u 10 punti perċentwali għal intrapriżi ta' daqs medju. Intensitajiet tal-għajnuna differenti japplikaw għal investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

Skemi tal-għajnuna reġjonali mmirati lejn setturi speċifiċi ta' attivitajiet ekonomiċi, kif ukoll għajnuna reġjonali għal attivitajiet fis-settur tal-azzar, fis-setturi tal-bini ta' bastimenti, u fis-setturi tal-fibri sintetiċi m'għandhomx ikunu koperti bl-eżenzjoni tan-notifika. Madankollu, miżuri favur is-settur tat-turiżmu jaqgħu taħt il-GBER.

Il-GBER ma japplikax għal għajnuna *ad hoc* li tingħata lill-intrapriżi kbar, minbarra kif ipprovdut fl-Artikolu 13. Skont din id-dispożizzjoni, għajnuna *ad hoc* trasparenti mogħtija lil kumpanija individwali (inkluż kumpanija kbira) hi wkoll eżentata min-notifika sakemm din tintuża biex iżżid l-għajnuna mogħtija taħt skemi u l-komponent *ad hoc* ma jeċċedix il-50% tal-ammont totali tal-għajnuna.

L-għajnuna għal intrapriżi żgħar li għadhom kemm jiftħu issa hi eżentata b'mod awtomatiku min-notifika.

Ir-regoli materjali għall-għajnuna għall-investiment huma bażikament l-istess kemm fil-GBER kif ukoll fil-Linji Gwida, u għalhekk mhemmx vantaġġ x'jinkiseb jekk tkun

innotifikata miżura ta' għajnuna li hi eżentata.

**Notifika individwali ta' proġetti kbar ta' investiment hi meħtieġa meta l-għajnuna teċċedi l-75% tal-ammont massimu tal-għajnuna li investiment bi spejjeż eliġibbli ta' EUR 100 miljun jista' jirċievi fir-reġjun ikkonċernat.**

Bl-istess mod, jekk il-kundizzjonijiet tal-GBER ma jkunux sodisfatti, l-għajnuna jeħtieġ li tiġi notifikata wkoll u tkun evalwata fuq il-bażi tal-Linji Gwida.

**Tabella 10. Kategoriji ta' miżuri reġjonali, ammonti massimi rilevanti u limiti massimi ta' intensità tal-għajnuna applikabbli skont il-GBER[25], u limiti li jwasslu għal evalwazzjoni dettaljata skont il-Linji Gwida**

| Tip ta' miżura | Għajnuna massima permissibbli skont il-GBER | Evalwazzjoni Standard (Linji Gwida) | Evalwazzjoni dettaljata (Linji Gwida) |
|---|---|---|---|
| **Skemi ta' għajnuna (intrapriżi żgħar, ta' daqs medju u kbar)** | **Art. 13: *reġjuni mgħejjuna biss*: Għajnuna < 75% tal-għajnuna massima għall-investiment bi spejjeż eliġibbli ta' 100 m EUR** | **Iva** | **Mhux għall-iskema nnifisha iżda għal LIPs notifikabbli b'mod individwali biss:**<br>**sehem tas-suq 'l fuq minn 25%**<br>**żieda fil-kapaċità 'l fuq minn 5% fi swieq li sejrin għall-agħar** |
| **Għajnuna *ad hoc* għall-SMEs** | Iva<br>Art. 13 – *reġjuni mgħejjuna:* biss jekk biex tissuplimenta skema, massimu ta' 50% tal-għajnuna totali | **Iva** | **Għal LIPs notifikabbli b'mod individwali biss:**<br>**sehem tas-suq 'l fuq minn 25%**<br>**żieda fil-kapaċità 'l fuq minn 5% fi swieq li sejrin għall-agħar** |
| **Għajnuna *ad hoc* għal intrapriżi kbar** | **fil-prinċipju, mhux eżentati skont il-GBER, eċċezzjoni waħda: permessa f'reġjuni mgħejjuna biss jekk tissuplimenta għajnuna mogħtija taħt skema u l-ammont massimu ma jeċċedix il-50% tat-total tal-għajnuna mogħtija, sakemm l-għajnuna mhix notifikabbli b'mod individwali** | **Iva** | **Għal LIPs notifikabbli b'mod individwali biss:**<br>**sehem tas-suq 'l fuq minn 25%**<br>**żieda fil-kapaċità 'l fuq minn 5% fi swieq li sejrin għall-agħar** |
| **Għajnuna għal intrapriżi żgħar li għadhom kemm jifthu (skemi biss)** | EUR 2 miljuni kull impriża f'reġjun ta' 87(3)(a)<br>EUR 1miljun kull impriża f'reġjun ta' 87(3)(c)<br>ammonti *annwali* kull impriża - massimu ta' 33% tal-ammonti ta' għajnuna msemmija hawn fuq | **Iva** | **M/A** |

[25] LIPs notifikabbli b'mod individwali mhumiex koperti mill-GBER.

# Skeda 5 L-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikultà

## *Referenzi*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor il-"Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna Statali għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikultà" (Ġurnal Uffiċjali C 244, 01.10.2004, p. 2) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser jissejħu l- "Linji Gwida").

## *L-ambitu*

Il-Linji Gwida jkopru l-għajnuna għas-salvataġġ u/jew għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji individwali f'diffikultà.

Dawn ma japplikawx għall-azzar u għat-tħaffir tal-faħam. B'xi eċċezzjonijiet, dawn japplikaw għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. Għar-ristrutturazzjoni fis-settur agrikolu japplikaw regoli addizjonali speċifiċi.

## *Il-kunċetti*

**Kumpanija f'diffikultà hija** kumpanija li mhix kapaċi, kemm permezz tar-riżorsi tagħha jew bil-fondi li tkun tista' tikseb mill-proprjetarju tagħha/azzjonisti jew mill-kredituri, li twaqqaf it-telf li mingħajr intervent estern minn awtoritajiet pubbliċi kważi ċertament ser iwassalha biex, tul perjodu qasir jew medju ta' żmien, tfalli.

**L-għajnuna għas-salvatagg hija għajnuna temporanja u riversibbli. Din għandha tagħmilha possibbli li kumpanija li tkun f'diffikultà tibqa' għaddejja għaż-żmien meħtieġ sabiex jiġi ppreparat pjan ta' ristrutturazzjoni jew ta' likwidazzjoni u/jew għat-tul ta' żmien meħtieġ mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex tilħaq jew jilħqu deċiżjoni dwar dak il-pjan.**

**L-għajnuna għar-ristrutturazzjoni** hija bbażata fuq pjan fattibbli, koerenti u li jaħseb fil-bogħod biex irodd lura l-vijabilità fit-tul lil ditta.

## *Il-kundizzjonijiet*

**L-għajnuna għas-salvataġġ trid tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin**:

- **ditta trid tikkwalifika bħala ditta f'diffikultà**;
- tikkonsisti f'għajnuna ta' likwidità riversibbli fil-forma ta' garanziji għal-self jew self b'rati ta' interessi kummerċjali normali (u mill-inqas komparabbli mar-rati ta' referenza adottati mill-Kummissjoni);
- ristretta għall-ammont meħtieġ sabiex id-ditta tibqa' għaddejja;
- biss għaż-żmien meħtieġ (mass. 6 xhur) sabiex jitfassal il-pjan ta' rkupru;
- tiġi garantita minħabba diffikultajiet soċjali u ma jkollha l-ebda effett negattiv fuq is-sitwazzjoni industrijali fi Stati Membri oħra;
- malli tkun innotifikata, tkun akkumpanjata minn garanzija mill-Istat Membru li jikkomunika lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturazzjoni jew ta' likwidazzjoni jew provi li s-self ġie rimborżat jew li l-garanzija ntemmet, mhux aktar tard minn 6 xhur wara li tkun ingħatat l-għajnuna;
- għandha tkun operazzjoni ta' darba biss (il-prinċipju "ta' darba, għall-aħħar darba").

Il-Linji Gwida jipprovdu għal proċedura simplifikata, jekk l-għajnuna tkun ibbażata fuq riżultati operattivi tal-passat skont formola stabbilita fil-Linji Gwida u ma teċċedix EUR 10 miljuni.

**<u>L-għajnuna għar-ristrutturazzjoni</u>** tista' tingħata biss jekk jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

- ditta trid tikkwalifika bħala ditta f'diffikultà;
- programm ta' ristrutturazzjoni/rkupru jiġi sottomess lill-Kummissjoni biex irodd lura l-vijabilità f'perjodu raġonevoli ta' żmien;
- jittieħdu miżuri ta' kumpens biex jiġi evitat tgħawwiġ mhux xieraq ta' kompetizzjoni (eż., tnaqqis xieraq fil-kapaċità);
- l-għajnuna tkun limitata għall-minimu meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturazzjoni. Il-benefiċjarji jridu jagħtu kontribuzzjoni sinifikanti huma stess, mingħajr għajnuna;
- il-kumpanija trid timplimenta l-pjan ta' ristrutturazzjoni bis-sħiħ u tosserva l-kundizzjonijiet kollha mehmuża;
- l-għajnuna għar-ristrutturazjoni tista' tingħata darba biss ("il-prinċipju ta' darba, għall-aħħar darba");
- huwa meħtieġ monitoraġġ strett u rappurtaġġ annwali.
- l-SMEs u d-ditti f'reġjuni mgħejjuna: il-kriterji ta' tnaqqis fil-kapaċità/tal-kontribuzzjoni tagħhom stess jistgħu jiġu applikati bi grad akbar ta' flessibiltà ;
- il-Kummissjoni għandha opinjoni favorevoli rigward għajnuna Statali li tkopri l-ispejjeż soċjali tar-ristrutturazzjoni.

Għad-ditti l-kbar, hija meħtieġa n-notifika individwali ta' kull għotja ta' salvataġġ u ta' ristrutturazzjoni.

Għall-SMEs, tista' tingħata għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni (sa EUR 10 miljuni għal kull impriża) fuq il-bażi ta' skemi ta' għajnuna notifikati u approvati.

## Skeda 6 L-għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

### *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor l-applikazzjoni tal-GBER għal għajnuna Statali għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

### *L-ambitu*

Il-GBER jipprovdi regoli speċjali għall-appoġġ għall-SMEs[26]. Din l-iskeda tinkludi kategoriji ta' għajnuna mogħtija esklussivament lill-SMEs. Regoli speċjali applikabbli għall-SMEs fil-każ ta' għajnuna għall-kapital ta' riskju, R&D&I, għajnuna reġjonali u għajnuna ambjentali huma analizzati fl-iskedi rilevanti li jkopru dawn is-suġġetti[27].

### *Il-kunċetti*

**Definizzjoni ta' SMEs**

Id-definizzjonijiet tal-SMEs huma inklużi fl-Anness 1 tal-GBER.

- **Impriża ta' daqs medju** hija impriża li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

  għandha inqas minn 250 impjegat u
  għandha jew fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 50 miljun, u/jew total fuq il-karta tal-bilanċ li ma jeċċedix il-EUR 43 miljun.

- **Impriża żgħira** hija impriża li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

  għandha inqas minn 50 impjegat u
  għandha jew fatturat annwali u/jew total fuq il-karta tal-bilanċ li ma jeċċedix il-EUR 10 miljuni.

- Impri¿a ¿għira ħafna hija impri¿a li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

  għandha inqas minn 10 impjegati u
  għandha jew fatturat annwali u/jew total fuq il-karta tal-bilanċ li ma jeċċedix il-EUR 2 miljuni.

Il-kriterji jridu jiġu applikati għall-kumpanija kollha (inklużi s-sussidjarji li jinsabu fi Stati Membri oħra u barra mill-UE). Ir-Regolament jipprovdi definizzjonijiet ta' impriża awtonoma, impriża msieħba u impriża relatata sabiex tkun ivvalutata l-pożizzjoni ekonomika reali tal-SME konċernata.

Il-GBER jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni min-notifika tat-tipi prinċipali tal-għajnuna li ġejjin b'mod esklussiv għall-SMEs:

---

[26] Il-Kummissjoni qed tipprepara Vademecum separat dwar l-għajnuna Statali għall-SMEs immirat biex jipprovdi sommarju konċiż u sistematiku tar-regoli dwar l-għajnuna Statali applikabbli għall-SMEs.

[27] Dawn jinkludu għajnuna għal assistenza għall-adattament bikri għal standards ambjentali futuri tal-Komunità għall-SMEs; għajnuna fil-forma ta' kapital ta' riskju favur SMEs; għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs, għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għoljin jew għajnuna għall-istabbiliment ta' SMEs ġodda.

- għajnuna tal-SMEs għall-investiment u l-impjieg;
- għajnuna għall-impriżi żgħar li għadhom kemm jinħolqu minn intraprendituri nisa;
- għajnuna għall-adattament bikri għal standards futuri Komunitarji għall-SMEs;
- għajnuna għal konsulenza favur SMEs;
- għajnuna għall-parteċipazzjoni ta' SMEs f'fieri;
- għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs;
- għajnuna għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni.

Minbarra dawn il-miżuri li huma esklussivi għall-SMEs, l-SMEs huma eliġibbli wkoll għat-tipi l-oħra ta' għajnuna elenkati fil-GBER.

## *L-ispiża eliġibbli*

Tista' tkun provduta għajnuna b'relazzjoni għall-kategoriji ta' nfiq li ġejjin:

- Għal għajnuna tal-SMEs għall-investiment u l-impjieg, investiment f'assi tanġibbli (art, bini, impjant/makkinarju) u f'assi intanġibbli (in-nefqa involuta fit-trasferiment tat-teknoloġija) u spejjeż ta' pagi;
- Fil-każ ta' għajnuna għall-intrapriżi żgħar li għadhom kemm jinħolqu minn intraprendituri nisa, l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż legali, konsultattivi, ta' konsulenza u amministrattivi direttament relatati mal-ħolqien tal-intrapriża, kif ukoll ċerti spejjeż li jsiru fl-ewwel ħames snin tal-ħolqien tagħha (eż. interess fuq finanzjament estern u dividendi, ħlasijiet għall-kiri ta' faċilitajiet/tagħmir tal-produzzjoni; enerġija, ilma, tisħin, taxxi (mhux VAT u taxxa korporattiva) u ħlasijiet amministrattivi; deprezzament, ħlasijiet għall-kiri ta' faċilitajiet tal-produzzjoni, spejjeż ta' pagi, spejjeż għall-kura tat-tfal u l-ġenituri);
- Għal għajnuna għall-adattament bikri ta' standards futuri Komunitarji għall-SMEs, l-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż żejda tal-investiment neċessarji għall-kisba ta' livell ta' ħarsien ambjentali meħtieġ mill-istandard Komunitarju mqabbel mal-livell eżistenti ta' ħarsien ambjentali meħtieġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-istandard.
- Għal konsulenti u l-parteċipazzjoni f'fieri, l-ispejjeż tas-servizzi provduti minn konsulenti esterni u l-ispejjeż tal-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew f'esibizzjoni partikolari;
- Għal għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali, l-ispejjeż eliġibbli jinkludu l-ispejjeż kollha ta' qabel l-għoti tad-dritt fl-ewwel ġurisdizzjoni (inkluż il-preparazzjoni, l-iffajljar u l-prosekuzzjoni tal-applikazzjoni, it-tiġdid tal-applikazzjoni), it-traduzzjoni u spejjeż oħra li jsiru sabiex tinkiseb l-għotja jew il-validità tad-dritt f'ġurisdizzjonijiet oħra legali, l-ispejjeż li jsiru għad-difiża tal-validità tad-dritt waqt il-prosekuzzjoni uffiċjali tal-applikazzjoni u l-proċeduri possibbli ta' oppożizzjoni (anki jekk isiru wara li jingħata d-dritt) .
- Għal għajnuna għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni, l-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni, l-għajnuna teknoloġika, is-servizzi ta' trasferiment tat-teknoloġija, it-taħriġ, il-konsulenza għall-akkwist, il-protezzjoni u l-kummerċ f'IPRs u għall-ftehim ta' liċenzjar, konsulenza dwar l-użu ta' standards. Għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni, l-ispejjeż jinkludu l-ispazju tal-uffiċċju, il-banek tad-data, il-libreriji tekniċi, ir-riċerka tas-suq, l-użu tal-laboratorju, it-tikkettar tal-kwalità, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni

## *L-intensitajiet massimi tal-għajnuna*

**Tabella 11. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna**

| Miżura | Intensità tal-għajnuna |
|---|---|
| **Investiment u impjieg**[28]<br>• Intrapriżi żgħar<br>• Intrapriżi ta' daqs medju | 20%<br>10% |
| **Intraprenditorija nisa**<br>• Intrapri¿i ¿għar | 15% |
| **Adattament bikri għal standards futuri Komunitarji**<br>• Intrapriżi żgħar<br>• Intrapriżi ta' daqs medju | 15%<br>10% |
| **Servizzi minn konsulenti esterni u parteċipazzjoni f'fieri** | 50% |
| **Spejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali**<br>• riċerka fundamentali<br>• riċerka industrijali<br>• żvilupp sperimentali | 100%<br>50%<br>25% |
| **Servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni**. | 75% sakemm mhux ċertifikazzjoni nazzjonali jew Ewropea |

## *Notifika*

Miżuri tal-għajnuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-GBER huma eżentati mir-rekwiżit tan-notifika *ex ante*. Madankollu, proġetti kbar li jissodisfaw il-limiti li ġejjin *mhumiex eżentati* min-notifika individwali meta l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajnuna individwali teċċedi EUR 7.5 miljuni kull impriża kull proġett ta' investiment. Għall-parteċipazzjoni ta' SMEs f'fieri u għajnuna għall-konsulenza favur SMEs, il-limitu hu stabbilit għal EUR 2 miljuni kull impriża kull proġett. Għal spejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs, il-limitu huwa EUR 5 miljuni kull impriża kull proġett. Għas-servizzi konsultattivi ta' innovazzjoni u ta' appoġġ, il-limitu huwa ta' massimu ta' EUR 200 000 kull benefiċjarju fi kwalunkwe tliet snin.

[28] Intensitajiet aktar għolja ta' għajnuna japplikaw jekk l-investiment jikkonċerna l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

# Skeda 7 L-għajnuna għall-impjiegi

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor l-applikazzjoni tal-GBER għall-għajnuna Statali għall-impjieg. Regoli speċifiċi għall-għajnuna reġjonali għall-invstiment u l-impjieg u għall-għajnuna tal-SMEs għall-investiment u l-impjieg huma stabbiliti fl-iskedi rilevanti.

## *L-ambitu*

It-taqsima tal-GBER fuq l-impjieg tkopri biss għajnuna li tingħata għall-iskopijiet li ġejjin:

- biex jiġu reklutati ħaddiema żvantaġġjati fil-forma ta' sussidji tal-pagi;
- l-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi;
- biex tkun koperta l-ispiża addizzjonali meta wieħed jimpjega persuni b'diżabilità.

Bħala eċċezzjoni għall-ambitu ġenerali tal-GBER, tippermetti għajnuna għall-impjieg anki għas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll għall-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli.

## *Il-kunċetti*

**Ħaddiema żvantaġġjati**: kull persuna li għaliha japplikaw kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

- ma kinitx f'impjieg imħallas regolari fis-sitt xhur ta' qabel;
- ma kisbitx kwalifika edukattiva ta' livell sekondarju ogħla jew vokazzjonali;
- għandha aktar minn 50 sena;
- tgħix bħala adulta mhux miżżewġa b'wieħed jew aktar dipendenti;
- taħdem f'settur jew professjoni fi Stat Membru fejn l-iżbilanċ tal-ġeneru huwa mill-inqas 25% ogħla mill-medja tal-iżbilanċ tal-ġeneru fost is-setturi kollha ekonomiċi f'dak l-Istat Membru u tappartjeni f'dak il-grupp ta' ġeneru b'nuqqas ta' rappreżentazzjoni; jew
- hija membru ta' minoranza etnika u teħtieġ żvilupp fit-taħriġ lingwistiku, vokazzjonali jew fil-profil tal-esperjenza tax-xogħol tiegħu/tagħha biex iżżid il-prospetti li tikseb aċċess għal impjieg stabbli.

**Ħaddiema żvantaġġjati ħafna**: kwalunkwe persuna li ilha mingħajr impjieg għal 24 xahar jew aktar.

**Ħaddiema b'diżabilità**: kwalunkwe persuna li hi rikonoxxuta bħala b'diżabilità skont il-liġi nazzjonali jew li għandha limitazzjoni rikonoxxuta li tirriżulta minn indeboliment fiżiku, mentali jew psikoloġiku.

## *Il-kundizzjonijiet*

Kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti fil-każ ta' għajnuna għar-*reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġjati u l-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi:*

- L-impjieg għandu jirrappreżenta żieda netta fin-numru ta' impjiegi jew, jekk mhux il-każ, il-postijiet tax-xogħol għandhom jitbattlu wara tluq volontarju, diżabilità, rtirar minħabba età, tnaqqis volontarju tal-ħin tax-xogħol jew tkeċċija legali minħabba mġieba

ħażina u mhux b'riżultat ta' tkeċċijiet minħabba nuqqas ta' xogħol;

- L-impjieg għandu jinżamm għal mill-inqas il-perjodu minimu b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-ftehim kollettiv;

## L-ispiża eliġibbli

*L-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiem żvantaġġjat*: l-ispiża tal-pagi matul perjodu ta' sena, 24 xahar għall-ħaddiema bi żvantaġġi kbar (jekk il-perjodu tal-impjieg huwa iqsar minn 12/24 xahar, l-għajnuna għandha tonqos pro rata skont il-każ).

*L-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiem b'diżabilità*: l-ispejjeż tal-pagi f'kwalunkwe perjodu li l-ħaddiem b'diżabilità jkun qed jiġi impjegat fih (jekk anqas minn 12 -il xahar, l-għajnuna titnaqqas pro rata).

*L-għajnuna għal spejjeż addizzjonali meta wieħed jimpjega ħaddiema b'diżabilità:* spejjeż addizzjonali marbuta direttament mal-impjieg ta' ħaddiem b'diżabilità (minbarra paga), inklużi l-ispejjeż biex jiġi adattat il-bini, li jiġi impjegat staff biss biex jgħin lill-ħaddiem(a) b'diżabilità, jekk il-benefiċjarju jipprovdi mpjieg protett, ukoll jekk l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew l-espansjoni tal-istabbiliment u kwalunkwe spejjeż tal-amministrazzjoni u t-trasport jirriżultaw direttament mill-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità.

## L-għajnuna massima

**Tabella 12. Intensitajiet massimi tal-għajnuna**

| Mi¿ura | Intensità tal-għajnuna |
|---|---|
| Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġjati | 50% |
| Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità | 75% |
| Għajnuna għal spejjeż addizzjonali tal-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità | 100% |

## Notifika

**Tabella 13. Għajnuna mhux eżentata mir-rekwiżit ta' notifika**

| Miżura | Limiti individwali ta' notifika tal-GBER |
|---|---|
| Għajnuna tal-SMEs għall-investiment u l-impjieg | EUR 7.5 miljuni kull proġett kull intrapriża |
| **Reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġjati** | **EUR 5 miljuni kull impriża kull sena** |
| **Impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi** | **EUR 10 miljuni kull impriża kull sena** |
| **Spejjeż addizzjonali tal-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità** | **EUR 10 miljuni kull impriża kull sena** |
| Tipi oħra ta' miżuri relatati mal-impjieg li ma jaqgħux taħt kwalunkwe mill-kategoriji eżentati | M/A |

# Skeda 8 L-għajnuna għat-taħriġ

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor l-applikazzjoni tal-GBER għall-għajnuna għat-taħriġ.

## *L-ambitu*

Bħala eċċezzjoni għall-ambitu ġenerali tal-GBER, tippermetti għajnuna għat-taħriġ anki għas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll għall-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli u fis-settur tal-faħam.

Il-GBER ikopri l-appoġġ pubbliku kollu għat-taħriġ li jiffavorixxi ditta waħda jew settur tal-industrija wieħed jew aktar billi jnaqqas l-ispejjeż li normalment ikollhom iħallsu meta jkunu jridu li l-impjegati tagħhom jiksbu ħiliet ġodda. Japplika għall-għajnuna għat-taħriġ kemm jekk it-taħtiġ jiġi provdut mill-kumpaniji stess jew minn ċentri ta' taħriġ pubbliċi jew privati.

## *Il-kunċetti*

**Taħriġ speċifiku:** Taħriġ li jinvolvi tagħlim direttament u prinċipalment applikabbli għall-pożizzjoni preżenti jew futura tal-impjegat fl-impriża u li jipprovdi kwalifiki li mhumiex, jew sa ċertu punt biss, trasferibbli għal impriżi jew oqsma ta' ħidma oħra.

**Taħriġ ġenerali:** Taħriġ li jinvolvi tagħlim li mhux applikabbli biss jew prinċipalment għall-pożizzjoni preżenti jew futura tal-impjegat fl-impriża, imma li jipprovdi kwalifiki li fil-parti l-kbira tagħhom huma trasferibbli għal impriżi jew għal oqsma ta' ħidma oħra u għalhekk itejbu sostanzjalment l-impjegabbilità tal-impjegat. Taħriġ jitqies 'ġenerali' jekk, eż., ikun organizzat b'mod konġunt minn impriżi indipendenti differenti, jew jekk impjegati ta' impriżi differenti jistgħu japprofittaw ruħhom mit-taħriġ. Jitqies ukoll 'ġenerali' jekk ikun rikonoxxut, iċċertifikat jew ivvalidat minn awtoritajiet jew entitajiet pubbliċi li jkunu ingħataw il-poteri meħtieġa mill-Istati Membri jew mill-Komunità.

Jekk il-proġett jinvolvi kemm komponenti ta' taħriġ speċifiku kif ukoll ġenerali li ma jistgħux jiġu separati jew il-karattru tal-proġett ma jistax jiġi stabbilit, japplikaw l-intensitajiet speċifiċi tal-għajnuna għat-taħriġ.

## *L-ispiża eliġibbli*

- L-ispejjeż tal-persunal ta' min iħarreġ;
- l-ispejjeż ta' vjaġġar għal min iħarreġ u min qed jirċievi t-taħriġ inkluż l-alloġġ;
- spejjeż kurrenti oħra (materjali, provvisti, eċċ.);
- id-deprezzament tal-għodod u tat-tagħmir, sakemm dawn jintużaw esklussivament għall-iskema ta' taħriġ ikkonċernata;
- l-ispiża tas-servizzi ta' gwida u konsultattivi fir-rigward tal-proġett ta' taħriġ;
- l-ispejjeż tal-persunal ta' min jitħarreġ u spejjeż ġenerali mhux diretti (spejjeż amministrattivi, kera, spejjeż ġenerali) sal-ammont tat-total tal-ispejjeż eliġibbli t'hawn fuq. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal ta' min jirċievi t-taħriġ, huma biss is-siegħat li matulhom dawk li jitħarrġu attwalment jipparteċipaw fit-taħriġ, wara t-tnaqqis tas-siegħat kollha produttivi, li jistgħu jiġu kkunsidrati.

## *L-għajnuna massima*

**Tabella 14. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna**

| | **Taħriġ speċifiku** | **Taħriġ ġenerali** |
|---|---|---|
| **Rata standard** | 25% | 60% |
| **Oħrajn:** | | |
| **Intrapriżi ta' daqs medju** | 35% | 70% |
| **Intrapriżi żgħar** | 45% | 80% |
| Benefiċjarji: ħaddiema żvantaġġjati jew b'diżabilità | 35% | 70% |
| **Settur tat-trasport marittimu** | 100% | 100% |

## *Notifika*

L-għajnuna għat-taħriġ li teċċedi l-EUR 2 miljuni kull proġett ta' taħriġ mhix eżentata min-notifika individwali.

# Skeda 9 Il-Miżuri tal-Kapital ta' Riskju

## *Referenzi*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor il-"Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna Statali għall-Promozzjoni ta' Investimenti ta' Kapital ta' Riskju f'Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju" (Ġurnal Uffiċjali C 194, 18.08.2006, p. 2) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser jissejħu l-"Linji Gwida"). Tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-GBER għall-miżuri ta' kapital ta' riskju.

## *L-għan*

L-għan tal-Linji Gwida huwa li jiġu stabbiliti l-kriterji li l-Kummissjoni ser tapplika fil-valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri ta' kapital ta' riskju skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

## *L-ambitu*

Applikazzjoni għal skemi ta' kapital ta' riskju mmirati biss lejn l-SMEs. Miżuri mfassla biex jipprovdu jew jippromwovu ishma ta' riskju u/jew finanzjament kważi-ishma lil impriżi fil-fażijiet tal-bidu u tal-espansjoni tagħhom.

Il-miżuri tal-kapital ta' riskju jridu jeskludu l-għotja ta' għajnuna lil impriżi f'diffikultajiet u lil kumpaniji fl-industrija tal-bini tal-bastimenti, tal-faħam u tal-azzar. Il-Linji Gwida ma japplikawx għal għajnuna għal ativitajiet relatati mal-esportazzjoni.

Il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġi prevenut l-użu ta' dawn il-lingi ta' gwida biex wieħed jeludi l-prinċipji stabbiliti fl-oqfsa, fil-linji gwida u fir-regolament eżistenti.

## *Il-Preżenza tal-għajnuna Statali*

Meta ssir valutazzjoni tal-miżuri ta' kapital ta' riskju, il-Kummissjoni ser teżamina jekk l-għajnuna Statli hijiex preżenti f'kull wieħed mil-livelli li ġejjin:

- Għajnuna lill-investituri: Fejn miżura tippermetti li investituri jipparteċipaw f'fond ta' kapital ta' riskju b'termini aktar favorevoli milli kieku daħlu għal dan l-investiment fl-assenza tal-miżura, allura dawk l-investituri jistgħu jirċievu għajnuna Statali. L-istess japplika fejn investituri privati jipparteċipaw f'fond b'termini aktar favorevoli minn investituri pubbliċi.
- Għajnuna għal strument jew fond ta' investiment u/jew il-maniġer tiegħu: Normalment, il-fond huwa biss strument intermedjarju għat-trasferiment tal-għajnuna, aktar milli jkun benefiċjarju tal-għajnuna huwa stess. Madankollu, f'ċerti każijiet (eż. rigward miżuri fiskali jew miżuri oħra li jinvolvu trasferimenti diretti favur strument jew fond ta' investiment bil-karattru ta' impriża indipendeneti) tista' tkun preżenti għajnuna sakemm l-investiment ma jsirx skont termini li jkunu aċċettabbli għal operatur ekonomiku normali.
- Għajnuna lill-impriżi li jkun sar investiment fihom: L-impriżi mhux ser jitqiesu bħala riċevituri tal-għajnuna jekk l-investiment isir b'termini li jkunu aċċettabbli għal investitur privat f'ekonomija tas-suq fl-assenza ta' kwalunkwe intervent Statali. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni ser teżamina, inter alia, jekk deċiżjonijiet ta' investiment

humiex immexxija mill-profitti, marbuta ma' pjan kummerċjali raġonevoli, u suġġetti għal strateġija ta' rtirar realistika.

## *Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' kapital ta' riskju*

Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-kompatibilità tal-miżuri ta' kapital ta' riskju filwaqt li tqis l-effett ta' inċentiv, il-ħtieġa tal-għajnuna, l-eżistenza ta' falliment tas-suq u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

Il-Linji Gwida jistabbilixxu sett ta' kundizzjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni ser tqis dik l-għajnuna fil-forma ta' kapital ta' riskju bħala kompatibbli mal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat. Għal miżuri li jissodisfaw dawn il-kriterji wieħed jassumi li jintlaħqu l-effett ta' inċentiv, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajnuna u li l-bilanċ totali tal-miżura tal-għajnuna jkun pożittiv. Dawn il-kriterji jinkludu:

- livell massimu ta' qatgħat ta' investiment ta' EUR 1.5 miljun għal kull SME mmirat matul kull perjodu ta' tnax-il xahar;
- restrizzjoni għall-finanzjament tat-twaqqif, tal-bidu u tal-espansjoni jew għall-fażi tal-bidu għall-impriżi medji barra miż-żoni mgħejjuna;
- prevalenza ta' strumenti ta' investiment ta' ishma u ta' kważi ishma (mill-inqas 70% tal-baġit tal-miżura);
- parteċipazzjoni obbligatorja minn investituri privati (mill-inqas 50% tal-finanzjament, jew 30% f'żoni mgħejjuna);
- karattru mmexxi mill-profitti tad-deċiżjonijiet ta' investiment;
- ġestjoni kummerċjali.

Il-miżuri ta' kapital ta' riskju li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti hawn fuq huma suġġeti għal *valutazzjoni dettaljata u ta' kompatibilità* bbażata fuq test ta' bilanċ, sabiex issir verifika tal-mira tal-falliment tas-suq rilevanti, tar-riskji ogħla tal-potenzjal li l-investituri privati jinqalgħu 'l barra, u t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni ser tħares lejn il-karatteristiċi li ġejjin bħala elementi pożittivi fl-evalwazzjoni tat-test ta' bilanċ tagħha:

- l-eżistenza u l-evidenza ta' falliment tas-suq;
- kemm ikun xieraq l-istrument;
- l-effett ta' inċentiv u l-ħtieġa tal-għajnuna:
  - il-ġestjoni kummerċjali;
  - il-preżenza ta' kumitat ta' investiment;
  - id-daqs tal-miżura/fond;
  - il-preżenza ta' *business angels*;
- Il-proporzjonalità (inkluż proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti għal maniġers, sejħa għal offerti jew stedina pubblika lill-investituri).

Il-Kummissjoni ser tibbilanċja dawn l-elementi pożittivi mal-effetti negattivi potenzjali tal-għajnuna li ġejjin:

- li jinqala' 'l barra l-investiment privat;
- tgħawwiġ ieħor tal-kompetizzjoni, minħabba li ma jistax jiġi eskluż li l-miżuri ta' kapital ta' riskju jista' jkollhom l-effett li jżommu ditti jew setturi ineffiċjenti għaddejjin jew li l-valutazzjoni tagħhom titkabbar b'mod artifiċjali u b'hekk, ikun hemm tgħawwiġ tas-suq għall-kapital ta' riskju. Għajnuna li tkun speċifika għal settur tista' żżomm ukoll il-produzzjoni f'setturi li mhumiex kompetittivi, filwaqt li

għajnuna li tkun speċifika għal reġjun tista' tibni allokazzjoni ineffiċjenti ta' fatturi ta' produzzjoni minn reġjun għall-ieħor.

### *Notifika*

Il-GBER introduċa għajnuna fil-forma ta' miżuri ta' kapital ta' riskju fost il-kategoriji ta' għajnuna li huma eżentati mir-rekwiżit ta' notifika. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-GBER, għajnuna fil-forma ta' parteċipazzjoni f'fond ta' investiment t'ishma privati li jaħdem għall-profitti m'għandiex għalfejn tiġi notifikata.

Jekk il-kundizzjonijiet tal-GBER mhumiex sodisfatti, din l-għajnuna teħtieġ tiġi notifikata u tkun evalwata fuq il-bażi tal-Linji Gwida.

# Skeda 10 L-elementi ta' għajnuna fil-bejgħ ta' art u ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi

## *Referenzi*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar elementi ta' għajnuna Statali dwar bejgħ ta' artijiet u bini ta' awtoritajiet pubbliċi" (Ġurnal Uffiċjali C 209, 10.7.1997, p.3) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser tissejjaħ il-"Komunikazzjoni")[29].

## *Għan*

L-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa:

- li tiġi spjegata fil-qosor proċedura sempliċi li tippermetti lill-Istati Membri li jimmaniġġjaw il-bejgħ tal-art u tal-bini b'mod li awtomatikament jipprekludi l-eżistenza ta' għajnuna Statali
- li jkunu speċifikati każijiet ta' bejgħ ta' art u bini li għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

## *Il-prinċipju*

Il-Kummissjoni tippreżumi li l-bejgħ tal-art jew tal-bini minn awtorità pubblika ma jinkludix għajnuna jekk tkun ġiet segwita kwalunkwe waħda minn dawn iż-żewġ proċeduri li ġejjin:

- il-bejgħ kien konkluż fuq il-bażi ta' proċedura ta' tfigħ ta' offerta li ngħatat biżżejjed pubbliċità, kienet miftuħa u mingħajr kundizzjonijiet, fejn kienet aċċettata l-aħjar jew l-unika offerta.
- il-bejgħ jitwettaq skont il-valur tas-suq kif ġie stabbilit minn stimaturi indipendenti.

Il-prezz li bih l-art ikkonċernata jew il-bini konċernat ikunu nbiegħu għandu jikkonforma **mill-inqas** mal-prezz indikat minn "stimatur tal-assi" indipendenti fl-evalwazzjoni esperta tiegħu.

Jekk wara sforz raġonevoli biex isir bejgħ bil-valur indikat fl-istima esperta jidher biċ-ċar li l-art/il-bini ma jistax jinbiegħ b'dak il-prezz, diverġenza ta' mhux aktar minn 5% mill-valur oriġinali tista' titqies li tkun skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għar-regola *de minimis* (ara l-iskeda 13) bi kwalunkwe bejgħ li ma kienx konkluż f'konformità ma' waħda jew l-oħra mill-proċeduri deskritti aktar 'il fuq.

[29] Il-Kummissjoni fil-preżent qed taħdem fuq komunikazzjoni komprensiva dwar l-applikazzjoni tat-test tal-investitur ekonomiku privat tas-suq li ser jinkorpora r-regoli preżenti.

# Skeda 11 Is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

## *Referenzi*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor id-"Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE għall-għajnuna Statali fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil ċerti impriżi fdati bit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" (2005/842/KE) (Ġurnal Uffiċjali L 312, 29.11.2005, p. 67-73), il- "Qafas Komunitarju għall-għajnuna Statali taħt il-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku" (2005/C 297/04)(Ġurnal Uffiċjali C 297, 29.11.2005, p. 4-7), u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċeri impriżi (Verżjoni kodifikata) (Ġurnal Uffiċjali L 318, 17.11.2006, paġni 17 – 25) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser jissejħu d-"Deċiżjoni", il-"Qafas", u d-"Direttiva ta' Trasparenza" rispettivament).

## *L-għan*

L-għan tad-deċiżjoni u tal-Qafas huwa li jipprovdu ċertezza legali akbar għall-finanzjament tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Dawn isegwu d-deċiżjoni Altmark tal-Qorti tal-Ġustizzja[30] u huma mfassla biex jiżguraw li l-kumpaniji jistgħu jirċievu appoġġ pubbliku biex ikunu koperti l-ispejjeż kollha li għamlu, inkluż profitt raġonevoli, fit-twettiq ta' kompiti ta' servizz pubbliku kif ġew iddefiniti u fdati lilhom mill-awtorijiet pubbliċi, filwaqt li jkun żgurat li ma jingħata l-ebda kumpens żejjed għal spejjeż ta' servizz pubbliku u l-ebda sussidju ħaġa b'oħra (*cross-subsidization*) favur attivitajiet kummerċjali li jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni.

## *L-ambitu*

Skont id-definizzjoni tagħhom, id-Deċiżjoni u l-Qafas japplikaw biss għal impriżi li jipprovdu servizzi fl-interess ekonomiku ġenerali kif ġie definit fit-Trattat, fil-leġiżlazzjoni sekondarja u fil-ġurisprudenza applikabbli. Dawn japplikaw biss għal impriżi li jwettqu attivitajiet *ekonomiċi*, minħabba li l-appoġġ finanzjarju mogħti lil entitajiet li ma jwettqux attivitajiet ekonomiċi ma jikkostitwix għajnuna Statali.

## *Il-kunċetti*

**Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (jew SGEI)** tfisser attivitajiet ekonomiċi li l-awtoritajiet pubbliċi jidentifikaw bħala li huma ta' importanza partikolari għaċ-ċittadini u li ma jkunux ipprovduti (jew ikunu pprovduti f'kundizzjonijiet differenti) jekk ma jkun hem l-ebda intervent pubbliku. L-attività trid turi karatteristiċi speċjali kif imqabbla mal-interess ekonomiku ġenerali ta' attivitajiet ekonomiċi oħra.

**Il-kriterji Altmark** tfisser il-kundizzjonijiet iffissati mid-deċiżjoni ferm importanti tal-Qorti (tal-Ġustizzja) li skont tagħha kumpens għal SGEI m'għandux jitqies bħala għajnuna Statali. Fil-qosor:

**(i)** l-attività tikkwalifika bħala SGEI u l-kompiti u l-obbligazzjoni tagħha huma definiti b'mod ċar;

[30] C-280/00, 24.7.2003.

**(ii)** il-parametri għall-kumpens tal-ispejjeż tas-servizz pubbliku huma oġġettivi, trasparenti, u jiġu stabbiliti bil-quddiem;

**(iii)** il-kumpens ma jeċċedix l-ispejjeż netti għall-provvista tas-servizz flimkien ma' profitt raġonevoli (jiġifieri l-ebda kumpens żejjed); u

**(iv)** il-kumpens jiġi determinat jew permezz ta' *akkwist pubbliku* jew jekk ma tkun saret l-ebda sejħa pubblika għall-offerti, il-kumpanija fdata bis-SGEI tiġi kumpensata fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-kumpanija tipika mmexxija sew.

## *Miżuri*

### 1. Id-deċiżjoni

Id-Deċiżjoni tispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom kumpens lil kumpaniji għall-provvista tas-SGEI ikun kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna Statali u *mhemmx għalfejn jiġi notifikat* lill-Kummissjoni bil-quddiem.

**Il-kundizzjonijiet:**

- mandat ta' servizz pubbliku definit b'mod ċar;
- l-ebda kumpens żejjed;
- kumpens ta' inqas minn EUR 30 miljun għal kull sena għal kull impriża; u fatturat annwali ta' inqas minn EUR 100 miljun għal kull impriża.
- l-ebda limitu għall-ammont ta' kumpens:
  - sptarijiet;
  - akkommodazzjoni soċjali;
  - trasport bl-ajru u bil-baħar lejn gżejjer;
  - ajruporti u portijiet taħt limiti speċifiċi definiti f'volumi ta' passiġġieri.

### 2. Il-qafas

Il-Qafas jispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom il-kumpens ma jkunx kopert mid-Deċiżjoni jkun *kompatibbli* mar-regoli dwar l-għajnuna Statali. Kumpens bħal dan għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni minħabba r-riskju ogħla ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

Ir-regoli huma mfassla biex jiżguraw li ma jkun hemm ***l-ebda kumpens żejjed*** (kumpens li jeċċedi l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku) u ***l-ebda sussidju ħaġa b'ħaġa*** (kumpens li jintuża fi swieq oħra miftuħa għall-kompetizzjoni) minħabba li ċirkostanzi bħal dawn ma jistax jinstab li huma kompatibbli mat-Trattat.

### 3. Id-Direttiva ta' Trasparenza

Id-Direttiva ta' Trasparenza tiċċara li kumpaniji li jirċievu kumpens u jaħdmu kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fi swieq oħra jrid ikollhom kontijiet separati għall-attivitajiet differenti tagħhom, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit in-nuqqas ta' kumpens żejjed.

# Skeda 12 L-avviż ta' Garanzija

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor l-"Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna statali fil-forma ta' garanziji" (Ġurnal Uffiċjali Nru C 155, 20.6.2008, p. 10-22 u b'korrezzjoni ta' p. 15 fil-Ġurnal Uffiċjali Nru C 244, 25.9.2008, p. 32) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ser jissejjaħ biss l-"Avviż").

## *L-ambitu*

L-Avviż japplika għall-*garanziji individwali* kif ukoll għall-*iskemi ta' garanzija*. Japplika għas-setturi kollha tal-ekonomija, inklużi l-agrikoltura, is-sajd u t-trasport, mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi relatati mal-garanziji fis-setturi kkonċernati.

L-Avviż ma japplikax għall-garanziji ta' kreditu għall-esportazzjoni.

L-Avviż jistabbilixxi regoli dwar meta garanzija tkun ikkunsidrata bħala konformi mas-suq u għalhekk, ma tikkostitwix għajnuna. Jipprovdi wkoll għall-evalwazzjoni tal-garanziji b'element tal-għajnuna.

## *Il-kunċetti*

Il-garanziji huma normalment assoċjati ma' **self jew obbligu ieħor finanzjarju** li jiġi kuntrattat minn min jissellef ma' min isellef. L-istess regoli japplikaw ukoll għal tipi oħra ta' garanziji fejn iseħħ trasferiment simili ta' riskju (eż. investimenti f'ishma).

L-Avviż jistabbilixxi regoli għal **metodoloġiji** ċari u trasparenti għall-ikkalkular tal-element tal-għajnuna f'garanzija partikolari jew fi skema ta' garanzija. Regoli simplifikati għall-SMEs huma introdotti sabiex jgħinu biex jindirizzaw id-diffikultajiet partikolari tal-SMEs b'aċċess għall-finanzi.

Garanziji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-parti 3 tal-Avviż huma kkunsidrati li ma jġibux vantaġġ għall-benefiċjarju, u għalhekk, ma jikkostitwux għajnuna Statali. L-evalwazzjoni tal-element tal-għajnuna Statali fil-garanzija huwa bbażat fuq il-Prinċipju tal-Investitur tal-Ekonomija tas-Suq[31], hekk kif din tiddependi fuq **evalwazzjoni** xierqa **tar-riskju** permezz ta' klassifikar. L-ikklassifikar m'għandux għalfejn jitwettaq minn aġenzija internazzjonali imma jista' jsir mill-bank tal-benefiċjarju.

Għall-garanziji b'element tal-għajnuna Statali, l-għajnuna Statali hija meqjusa bħala d-differenza bejn il-prezz xieraq tas-suq tal-garanzija u l-prezz attwali mħallas għal dik il-miżura.

[31] Skont dan il-prinċipju, investimenti jew finanzjamenti oħra minn awtoritajiet pubbliċi f'kumpaniji jistgħu jkunu aċċettabbli jekk isiru skont il-kundizzjonijiet li investitur ta' suq privat ikun ser jaċċetta għal tranżazzjoni kumparabbli.

## *Il-kriterji*

Sabiex tkun eskluża l-eżistenza tal-għajnuna, il-garanzija għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) **Garanziji individwali:**

**dak li ser jissellef mhux kumpanija f'diffikultà (ara Skeda 5. NB: SMEs ġodda mhumiex ikkunsidrati bħala kumpaniji f'diffikultajiet għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Avviż.);**
**konnessa ma tranżazzjoni finanzjarja speċifika u limitata fiż-żmien u l-ammont;**
**kopertura massima - 80% tas-self mhux imħallas (jew obbligu finanzjarju ieħor);**
**proporzjonalità f'pagamenti mill-ġdid u tnaqqis tal-garanzija u fil-qsim ta' telf;**
**prezz orjentat lejn is-suq imħallas għall-garanzija (li jqis l-ispeċifitajiet tat-tranżazzjoni);**
**SMEs: il-possibilità ta' użu ta' primjum *safe-harbour* definit minn qabel (konness mar-rata ta' kreditu tal-SME). Il-possibilità ta' turija ta' primjum aktar baxx konformi mas-suq. Primjum *safe-harbour* ta' 3.8% kull sena huwa applikabbli, anki fl-assenza ta' rati, għall-kumpaniji li għadhom jibdew.**

(b) **Skemi ta' garanzija:**

**magħluqa għall-kumpaniji f'diffikultajiet;**
**garanziji konnessi ma' tranżazzjoni speċifika u limitati maż-żmien u l-ammont;**
**mhux aktar minn 80% tas-self mhux imħallas (jew obbligu ieħor finanazjarju);**
**primjums jiġu riveduti mill-inqas darba fis-sena;**
**primjums ikopru riskji normali, spejjeż amministrattivi u rimunerazzjoni annwali ta' kapital xieraq;**
**termini trasparenti għall-garanziji futuri (eż. kumpaniji eliġibbli);**
**SMEs: primjums *safe-harbour* jew il-possibiltà ta' primjum wieħed (evitar tal-bżonn ta' rati individwali tal-SME benefiċjarju) għal ammont garantit sa EUR 2.5 miljun għal kull kumpanija fi skema partikolari (jippermetti għall-effett ta' ppuljar ta' riskji favur garanziji ta' ammont baxx għall-SMEs).**

## *Oħrajn*

**Il-limitu massimu ta' 80 % ma japplikax għall-garanziji li jkopru titoli tad-debitu jew li jkunu pprovduti lill-kumpaniji li jfornu ċerti SGEIs lokali.**

**NB: Garanziji ta' inqas minn EUR 1.5 miljun jistgħu jibbenefikaw mir-reġim *de minimis* stabbilit mir-Regolament *De minimis*[32].**

[32]Mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li l-Istati Membri jinnotifikaw metodoloġiji, kif provdut fl-Artikolu 2.4(d) tar-Regolament *De minimis*. Ara Skeda 13.

# Skeda 13 Ir-regola "*de minimis*"

## *Referenza*

Din l-iskeda tiġbor fil-qosor ir-"Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis*" (Ġurnal Uffiċjali Nru L 379, 28.12.2006, p. 5) (li minn issa 'l quddiem f'din l-iskeda ir-"Regolament").

## *L-ambitu*

Ir-Regolament ikopri ammonti żgħar ta' għajnuna Statali ("għajnuna *de minimis"*) li ma jikkostitwux għajnuna Statali fis-sens tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat u li għalhekk mhumiex suġġetti għar-rekwiżiti ta' notifika.

Ir-regola *de minimis* ma tapplikax għall-impriżi attivi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, fis-settur tal-faħam, u fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat. Din tapplika, b'ċertu numru ta' kundizzjonijiet addizjonali, għall-impriżi attivi fl-ipproċessar jew fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Fis-settur tat-trasport, l-għajnuna *de minimis* ma tistax tintuża għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Fl-aħħarnett, l-impriżi f'diffikultà mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

## *Il-kunċett*

Ir-regola *de mimimis tiffissa figura ta' limitu għall-għajnuna li taħtha jingħad li ma japplikax l-Artikolu* 87(1) tat-Trattat, biex b'hekk il-miżura mhemmx għalfejn tkun innotifikata lill-Kummissjoni bil-quddiem. Ir-regola hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, ammonti żgħar ta' għajnuna m'għandhomx effett fuq il-kummerċ u fuq il-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri.

## *Il-krtiterji*

Biex tibbenefika mir-regola *de minimis,* l-għajnuna trid tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

Il-limitu massimu għall-għajnuna koperta mir-regola *de minimis* huwa ġeneralment ta' EUR 200 000 (ekwivalenti għal għotja ta' flus kontanti) tul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Il-perjodu rilevanti ta' tliet snin għandu karattru mobbli, tant li għal kull għotja ġdida ta' *de minimis,* jeħtieġ li jiġi determinat l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija matul it-tliet snin fiskali konsekuttivi granted (inkluża s-sena fiskali li tkun kurrenti dak iż-żmien).

Il-limitu massimu ser japplika għall-ammont totali tal-għajnuna pubblika kollha meqjusa bħala għajnuna *de minimis*. Dan mhux ser jaffettwa l-possibiltà li r-riċevent jikseb għajnuna Statali oħra taħt skemi approvati mill-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għar-regola tal-akkumulazzjoni li tiġi deskritta aktar 'l isfel.

Il-limitu massimu japplika għat-tipi kollha ta' għajnuna, irrispettivament mill-forma li tieħu jew mill-għan mixtieq. L-unika tip ta' għajnuna li hija eskluża milli tibbenefika mir-regola *de minimis* hija l-għajnuna għall-esportazzjoni.

Ir-regolament japplika biss għal forom "trasparenti" ta' għajnuna li tfisser għajnuna fejn huwa possibbli li tkun iddeterminata bil-quddiem l-għotja grossa ekwivalenti mingħajr ma jkun hemm għalfejn issir valutazzjoni tar-riskju, Dan jimplika ċertu numru ta' restrizzjonijiet fuq ċerti forom ta' għajnuna bħal, pereżempju, il-garanziji. Huma biss il-

garanziji ta' inqas minn EUR 1.5 miljun li jistgħu jkunu koperti mir-Regolament[33].

## *L-akkumulazzjoni*

Il-limitu massimu t'aktar 'il fuq (EUR 200 000 ta' għajnuna *de minimis* fuq perjodu ta' tliet snin fiskali) japplika għall-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil kumpanija waħda. L-ammont jitnaqqas għal EUR 100 000 fis-settur tat-trasport bit-triq.

Meta impriża partikolari tingħata għajnuna *de minimis* l-Istat Membru konċernat irid jivverifika jekk, matul il-perjodu rilevanti ta' tliet snin, l-għajnuna l-ġdida hix ser iżżid l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* li tirċievi dik l-impriża 'l fuq mil-limitu massimu ta' EUR 200 000 (jew EUR 100 000, skont kif ikun applikabbli).

L-Istat Membru huwa responsabbli biex jistabbilixxi l-istrumenti meħtieġa sabiex ikun żgurat kontroll effettiv tar-rispett tal-limitu massimu ta' akkumulazzjoni *de minimis*. Dan jista' jsir b'żewġ modi:

Jew billi l-Istat Membru jistabbilixxi reġistru ċentrali ta' għajnuna *de minimis* kollha mogħtija minn kwalunkwe awtorità fl-Istat Membru.

Jew inkella, billi l-Istat Membru jinforma espliċitament lill-impriża dwar il-karattru *de minimis* tal-għajnuna u jikseb mill-impriża konċernata l-informazzjoni kollha dwar għajnuna *de minimis* oħra li tkun irċiviet matul is-sentejn fiskali preċedenti u matul is-sena fiskali kurrenti. Fil-kundizzjonijiet kollha, l-Istat Membru jibqa' responsabbli biex jiżgura r-rispett tal-limitu massimu tal-akkumulazzjoni.

---

[33] Mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li l-Istati Membri jinnotifikaw metodoloġiji, kif provdut fl-Artikolu 2.4(d) tar-Regolament.